Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

**Brussell, 12 ta' Mejju 2015**
**(OR. en)**

**15584/2/14**
**REV 2**

**LIMITE**

**GENVAL 71**
**COPEN 287**
**DROIPEN 135**
**EUROJUST 199**
**ENFOPOL 363**
**JAI 879**
**COHOM 157**
**RELEX 933**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Grupp ta' Ħidma dwar Materji Ġenerali u Evalwazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 15584/1/14 GENVAL 71 COPEN 287 DROIPEN 135 EUROJUST 199 ENFOPOL 363 JAI 879 COHOM 157 RELEX 933 |
| Suġġett: | Inqawwu l-ġlieda kontra l-impunità għad-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha<br>- *Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill* |

## I - Introduzzjoni

1. Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża sett ta' konklużjonijiet abbozzati u riveduti tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-impunità għad-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Il-konklużjonijiet ġew ippreżentati u inizjalment diskussi waqt il-laqgħa tal-21 ta' Novembru 2014 tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Ġenerali inkluża l-Evalwazzjoni (GENVAL), li jingħata aġġornament darbtejn fis-sena mis-segretarjat tan-Netwerk kontra l-Ġenoċidju dwar il-ħidma tiegħu. F'din l-okkażjoni, diversi delegazzjonijiet tkellmu biex jenfasizzaw l-importanza ta' dan is-suġġett[1]. Il-kummenti riċevuti mill-Istati Membri ġew inkorporati fil-verżjoni riveduta tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, kif jinsab fl-Anness għad-dokument 15584/1/14 REV 1.

[1] 16098/14 GENVAL 86.

2. Il-Grupp ta’ Ħidma GENVAL, fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta’ April 2015, esprima appoġġ ġenerali għall-abbozz ta’ konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 15584/1/14 REV 1, soġġett għal xi bidliet fit-test proposta minn FR u appoġġati minn għadd ta’ delegazzjonijiet, kif ukoll żieda fin-noti f’qiegħ il-paġna ta’ referenza għan-nonparteċipazzjoni ta' UK fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2002/494/ĠAI u 2003/335/ĠAI.

**II - Sfond**

3. Id-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra jikkonċernaw l-Istati Membri kollha tal-UE. Iċ-ċifri relatati mal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ dawn it-tipi ta’ delitti juru l-impenn qawwi tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, b’1 607 każijiet magħluqa u, aktar importanti minn hekk, 1 339 każ li għaddejjin bħalissa (taħt investigazzjoni jew proċess) fi ħdan tal-UE [2]. Minħabba li jinsabu tant fil-qrib, il-konflitt armat fl-Ukrajna kif ukoll il-konflitt li jinsab għaddej fis-Sirja u l-Iraq x'aktarx li jżidu dawn in-numri.

4. Iċ-ċittadini tal-Istati Membri jistgħu jkunu involuti f'delitti internazzjonali mill-aktar serji bħala awturi [3], vittmi[4] jew xhieda, irrispettivament mill-post ġeografiku fejn ikunu seħħew id-delitti. Rabta oħra bejn dawn id-delitti internazzjonali u l-Istati Membri tirriżulta meta ċittadini ta' Stati terzi li kienu involuti fid-delitti internazzjonali mill-aktar serji jkunu preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, sew jekk bħala viżitaturi, kif ukoll bħala residenti jew bħala persuni li jfittxu asil/refuġjati [5]. Twettqu delitti internazzjonali mill-aktar serji anke fit-territorju tal-Istati Membri [6].

---

[2] Numri fit-30 ta' Novembru 2014

[3] Xi ċittadini ta’ Stati Membri qed jipparteċipaw fil-konflitt li għaddej fis-Sirja u l-Ukrajna u potenzjalment huma direttament involuti fit-twettiq ta' delitti internazzjonali mill-aktar serji. F'ċerti każijiet, xi persuni daħlu fl-UE bħala persuni li jfittxu asil u wara kisbu ċ-ċittadinanza fi Stat Membru. B'dan il-mod, huma saru ċittadini fil-perijodu bejn meta twettqu d-delitti u meta dawn saru persuni ssuspettati.

[4] It-twaqqigħ reċenti tal-ajruplan ċivili MH17 fuq l-Ukrajna nieda investigazzjoni internazzjonali għad-delitti tal-gwerra. Il-maġġoranza tal-vittmi ta' dan l-allegat delitt kienu ċittadini tal-Istati Membri.

[5] 50 495 persuna mis-Sirja fittxew protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni Ewropea fl-2013, filwaqt li dan in-numru kważi rdoppja, għal 80 510 persuna, fl-ewwel tliet kwarti tal-2014. Deher tkabbir qawwi wkoll fl-applikanti mill-Ukrajna.

[6] L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri għadhom qed jinvestigaw kriminali tal-gwerra Nazisti ssuspettati minn żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, delitti mwettqa mir-reġimi Komunisti totalitarji matul il-Gwerra Bierda, u delitti mwettqa fil-Balkani fis-snin 90.

Id-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra spiss iseħħu matul perijodi ta' konflitt armat jew kriżijiet ċivili u jinvolvu lil awturi, xhieda u fuq kollox vittmi. Dan il-kuntest joħloq sfidi partikolari għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, kultant aktar akuti minħabba l-fatt li l-investigazzjonijiet ta' spiss isiru barra t-territorju tal-UE u, billi dawn it-tipi ta' delitti mhumiex preskritti skond il-liġi, l-investigazzjonijiet jistgħu jseħħu bosta snin wara li jkun sar id-delitt.

**<u>III - In-netwerk u l-istrumenti legali tal-UE kontra l-ġenoċidju</u>**

5. Sar progress sinifikanti f'dawn l-aħħar snin bit-twaqqif ta' timijiet speċjalizzati tal-pulizija u/jew prosekuturi[7] u l-kondiviżjoni akbar tal-aħjar prattika, l-esperjenza u l-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni permezz tan-netwerk Ewropew ta' punti ta' kuntatt fir-rigward ta' persuni responsabbli għal ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra (in-"Netwerk kontra l-Ġenoċidju") [8] stabbilit fl-2002. Dan ikkontribwixxa għal prosekuzzjonijiet b'suċċess tal-awturi ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità, id-delitti tal-gwerra u tortura f'għadd ta' Stati Membri. In-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti u l-Kanada jattendu għal-laqgħat tan-Netwerk bħala osservaturi. Ta' min isemmi li mill-1 ta' Diċembru 2014, ir-Renju Unit għażel li ma jipparteċipax fid-Deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill. Minħabba f'hekk, dan m'għadux membru tan-Netwerk kontra l-Ġenoċidju.

6. Biex jiġu appoġġati l-isforzi eżistenti u jitrawwem appoġġ addizzjonali fil-ġlieda kontra d-delitti internazzjonali mill-aktar serji, il-prattikanti identifikaw miżuri konkreti u rakkomandazzjonijiet għall-istituzzjonijiet tal-UE, għall-Istati Membri, għall-Punti ta' Kuntatt tan-Netwerk kontra l-Ġenoċidju u s-Segretarjat tan-Netwerk kontra l-Ġenoċidju, li huma ppreżentati fl-*Istrateġija* [9]tan-Netwerk kontra l-Ġenoċidju. L-istrateġija, li hija annessa mal-abbozz ta' konklużjonijiet, hija bbażata fuq l-esperjenzi u l-għarfien tal-prattikanti.

---

[7] Id-data pprovduta mill-Punti ta' Kuntatt tan-Netwerk kontra l-Ġenoċidju turi li disa' Stati Membri tal-UE għandhom unità speċjalizzata fid-"delitti tal-gwerra", jew fi ħdan il-pulizija, il-prosekuzzjoni jew l-unità tal-assistenza legali reċiproka, filwaqt li xi oħrajn għandhom persunal semi-dedikat.

[8] *Ara* d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/494/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi network Ewropew ta' punti ta' kuntatt dwar persuni li huma responsabbli għal ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra (ĠU L 167 tas-26 ta' Ġunju 2002, p. 1). Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/ĠAI tat-8 ta' Mejju 2003 dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra (ĠU L 118 tal-14 ta' Mejju 2003, p. 12).

[9] *Strateġija tan-Netwerk tal-UE kontra l-Ġenoċidju biex tiġi miġġielda l-impunità għar-reat kriminali tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha*, id-dokument 15581/1/14 REV 1 (l-*Istrateġija*). L-*Istrateġija*, li jsir

Dan huwa d-dokument ta' rendikont, li jirrifletti t-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattika ta' prosekuturi, investigaturi u esperti oħra f'dan il-qasam, kif ukoll id-diskussjonijiet tan-Netwerk kontra l-Ġenoċidju matul l-aħħar tnax-il sena. Il-miżuri deskritti fil-qosor fl-*Istrateġija* jikkostitwixxu bażi ta' għarfien li tista' sservi bħala sett ta' linji gwida prattiċi u għodod biex jiġu kkunsidrati kemm għall-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Istati Membri individwali.

**IV - Konklużjonijiet**

7. L-abbozz rivedut ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness, li jinkludi l-bidliet li ġew diskussi fil-laqgħa tal-GENVAL tad-29 ta' April 2015, b'test ġdid jew modifikat immarkat bħala sottolinjat u t-test imħassar immarkat bħala test ingassat, huma soġġetti għall-approvazzjoni permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub.

8. Għal dan l-għan, id-delegazzjonijiet huma mistiedna jgħarrfu lill-Presidenza (Inga.Melnace@mfa.gov.lv) u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (giovanna.giglio@consilium.europa.eu) **sal-20 ta' Mejju 2015 sa mhux aktar tard minn tmiem il-ġurnata tax-xogħol,** unikament jekk ikollhom kummenti dwar it-test propost.

9. Jekk ma titqajjem ebda kwistjoni sostanzjali mid-delegazzjonijiet sal-iskadenza msemmija hawn fuq, l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill ser jiġu ppreżentati bħala Punt I/A lill-Coreper u lill-Kunsill tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2015 għall-adozzjoni.

---

riferiment għaliha f'dan l-abbozz mehmuż ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill, ġiet tradotta fil-lingwi kollha.

## Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-impunità għad-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

'Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-valuri tal-libertà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.[10]

FILWAQT LI JFAKKAR li d-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra (minn hawn 'il quddiem imsemmijin "delitti internazzjonali") huma "*atroċitajiet li ma jitwemmnux u li jixxukjaw il-kuxjenza tal-umanità profondament*" u meqjusa bħala li "*jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-benessri tad-dinja*".[traduzzjoni mhux uffiċjali].[11]

FILWAQT LI JFAKKAR li delitti internazzjonali ma jistgħux ma jiġux kastigati u li l-prosekuzzjoni effettiva tagħhom trid tiġi żgurata billi jittieħdu miżuri fil-livell nazzjonali u billi tiżdied il-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi.

---

10 Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 1).

11 *Ara* l-Premessi 2 u 3 għall-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

FILWAQT LI JAFFERMA li, skont id-dritt internazzjonali [12], ir-responsabbiltà primarja għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli għal delitti internazzjonali hija f'idejn l-Istati.

FILWAQT LI JFAKKAR li l-Istati Membri qegħdin regolarment iħabbtu wiċċhom ma' persuni li huma suspettati b'involviment f'delitti internazzjonali u li qegħdin jippruvaw jidħlu u jirrisjedu fl-Unjoni Ewropea.[13]

FILWAQT LI JAGĦRAF li l-ġlieda kontra l-impunità teħtieġ l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti internazzjonali fuq livell nazzjonali li, minħabba n-natura ta' dan it-tip ta' kriminalità, tippreżenta kompiti diffiċli, li jeħtieġu investigaturi, prosekuturi u imħallfin speċjalizzati fid-dritt kriminali internazzjonali u l-liġi umanitarja internazzjonali.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li tinħtieġ kooperazzjoni multidixxiplinari fost l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, tal-infurzar tal-liġi, tal-prosekuzzjoni, tal-assistenza legali reċiproka, u dawk finanzjarji u tal-intelligence ta' Stat Membru, flimkien ma' kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva bejn l-Istati, sabiex ikunu żgurati l-investigazzjoni effettiva u l-prosekuzzjoni ta' delitti internazzjonali.

FILWAQT LI JFAKKAR il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/443/PESK[14] li fiha l-Istati Membri esprimew li delitti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali huma ta' tħassib għall-Istati Membri kollha u kkonfermaw id-determinazzjoni tagħhom li jikkooperaw biex tintemm l-impunità għall-atturi ta' dawn id-delitti.

KONXJU mill-impenn qawwi espress fil-Programm ta' Stokkolma[15] li jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex : "*ikomplu jappoġġaw u jippromwovu l-attività tal-Unjoni u tal-Istati Membri kontra l-impunità u fil-ġlieda kontra reati ta' ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra; f'dak il-kuntest, jippromwovu l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri, pajjiżi terzi u t-tribunali internazzjonali f'dan il-qasam, u b'mod partikolari l-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC), u jiżviluppaw skambju ta' informazzjoni ġudizzjarja u tal-aħjar prattika fir-rigward tal-prosekuzzjoni ta' reati bħal dawn fin-Netwerk Ewropew ta' Punti ta' Kuntatt, fir-rigward ta' persuni responsabbli għal reati ta' ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra*."

---

12 *Ara* l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, l-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-kastig tad-delitt ta' ġenoċidju tal-1948; l-erba' Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u t-tliet Protokolli Addizzjonali; il-Konvenzjoni tal-Aja mill-1954 u t-tieni Protokoll Addizzjonali tagħha; il-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin u l-Għoti ta' Pieni tal-Apartheid tal-1976; il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti tal-1984; il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat tal-2006.

13 Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/ĠAI tat-8 ta' Mejju 2003 (ĠU L 118, 14.5.2003, p.12).

14 Deċiżjoni Komuni tal-Kunsill tal-11 ta' Ġunju 2001 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali 2001/443/PESK.

15 Il-Programm ta' Stokkolma, (ĠU 115/1, 4.5.2010, p.8).

FILWAQT LI JQIS li l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK:[16] "*jimpenja lill-Unjoni Ewropea biex tiżgura li jkun hemm konsistenza u koerenza bejn l-istrumenti kollha tagħha u l-politiki kollha tagħha f'materji li jikkonċernaw ir-reati kriminali internazzjonali u l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. Essenzjalment, permezz ta' dan, id-Deċiżjoni teħtieġ li l-Unjoni Ewropea tiżgura li jkun hemm konsistenza u koerenza mhux biss fl-azzjoni esterna tagħha, iżda wkoll fir-rigward tal-miżuri interni tagħha.*"

FILWAQT LI JFAKKAR li l-Unjoni Ewropea wriet l-impenn intern tagħha fit-trattament ta' dawn id-delitti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/494/ĠAI[17], li stabbilixxiet in-Netwerk Ewropew ta' punti ta' kuntatt dwar persuni li huma responsabbli għal ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra (minn hawn 'il quddiem "in-Netwerk kontra l-Ġenoċidju"), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI[18] li ħolqot is-Segretarjat tan-Netwerk.

WAQT LI JFAKKAR id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/ĠAI[19] li kellha l-għan li "*żżid il-koperazzjoni bejn l-unitajiet nazzjonali sabiex tiġi mmassimizzata l-kapaċità tal-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri differenti sabiex jikkoperaw b'mod effettiv fil-kamp ta' l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-persuni li jkunu kkommettew jew ipparteċipaw fit-twettiq tal-ġenoċidju, tad-delitti kontra l-umanità u tad-delitti tal-gwerra.*".

---

16 Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 (ĠU L 76, 22.3.2011, p. 56).

17 Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/494/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi network Ewropew ta' punti ta' kuntatt dwar persuni li huma responsabbli għal ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra (ĠU L 167, 26.6.2002, p. 1). Wara n-notifika magħmula mir-Renju Unit fl-24 ta' Lulju 2013 f'konformità mal-Artikolu 10(4), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/494/ĠAI ma baqgħetx tapplika għar-Renju Unit mill-1 ta' Diċembru 2014, skont l-Artikolu 10(4), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tal-Protokoll imsemmi.

18 L-Artikolu 25a tad-Deċiżjoni dwar l-Eurojust, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008, (ĠU L138, 4.6.2009, p. 14).

19 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/ĠAI tat-8 ta' Mejju 2003 dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra (ĠU L 118, 14.5.2003, p. 12) Wara n-notifika magħmula mir-Renju Unit fl-24 ta' Lulju 2013 f'konformità mal- Artikolu 10(4), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/ĠAI ma baqgħetx tapplika għar-Renju Unit mill-1 ta' Diċembru 2014, skont l-Artikolu 10(4), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tal-Protokoll imsemmi.

Jilqa' l-Istrateġija tan-"Netwerk kontra l-Ġenoċidju" biex tiġi miġġielda l-impunità għad-delitti tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha (minn hawn 'il quddiem l-"Istrateġija")[20], [...] bħala ġabra ta' linji gwida prattiċi li jistgħu jintużaw bħala għodda ta' referenza, kemm fi ħdan l-Unjoni Ewropea kif ukoll lil hinn minnha.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-Istrateġija tan-"Netwerk kontra l-Ġenoċidju" hija bbażata fuq il-ħidma ta' prattikanti fl-Istati Membri u hija bbażata fuq t-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki identifikati minn prosekuturi, investigaturi tal-pulizija, uffiċċjali tal-assistenza legali reċiproka u esperti oħra responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti internazzjonali, kif ukoll id-diskussjonijiet u l-konklużjonijiet ta' sbatax-il laqgħa tan-Netwerk matul dawn l-aħħar tnax-il sena.

FILWAQT LI JAPPOĠĠA l-objettivi tal-Istrateġija tan-"Netwerk kontra l-Ġenoċidju" biex titqajjem kuxjenza, tiġi kondiviża l-aħjar prattika u jingħata appoġġ lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-impunità.

FILWAQT LI JAFFERMA li għandha tingħata attenzjoni lill-miżuri ppreżentati fl-Istrateġija tan-"Netwerk kontra l-Ġenoċidju" li għandhom jiġu kkunsidrati u implimentati fejn applikabbli.

FILWAQT LI JILQA' l-istabbiliment ta' unitajiet speċjalizzati fid-delitti internazzjonali jew tal-eżistenza ta' persunal speċjalizzat f'xi Stati Membri u s-suċċess fil-prosekuzzjonijiet u l-investigazzjonijiet kompletati tagħhom.

FILWAQT LI JISĦAQ DWAR l-importanza ta' aktar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali u dak Ewropew u l-istabbiliment ta' aktar unitajiet speċjalizzati f'aktar Stati Membri flimkien ma' iżjed bini ta' kapaċità u riżorsi.

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza kruċjali tad-dritt internazzjonali u l-implimentazzjoni preċiża u f'waqtha tiegħu fid-dritt nazzjonali sabiex tkun tista' titwettaq il-ġlieda kontra l-impunità kif ukoll l-importanza tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tagħhom b'mod sħiħ.

Jilqa' l-miżuri u r-rakkomandazzjonijiet deskritti fl-Istrateġija tan-"Netwerk kontra l-Ġenoċidju" u jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jippromwovu l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali u dak l-UE.

[20] 15581/14 (tradott fil-lingwi kollha); anness għall-konklużjonijiet.

**JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex:**

- jużaw l-Istrateġija tan-"Netwerk kontra l-Ġenoċidju" bħala linji gwida prattiċi u bħala għodda ta' referenza biex issaħħu aktar l-impenn tagħhom fil-ġlieda kontra l-impunità għad-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra;

- ikomplu jikkooperaw mill-qrib u biex iżidu l-iskambju ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali u dak tal-UE.

**JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex**:

- tibqa' tappoġġa n-"Netwerk kontra l-Ġenoċidju" u l-ħidma siewja tiegħu kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti għall-ġlieda kontra l-impunità għad-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra fl-Istati Membri.

# Strateġija tan-Netwerk tal-UE kontra l-Ġenoċidju biex tiġi miġġielda l-impunità għad-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha

L-Aja, Ottubru 2014

**WERREJ**


SOMMARJU EŻEKUTTIV ........ 12

RAKKOMANDAZZJONIJIET FIL-QOSOR ........ 16

L-EWWEL KAPITOLU: L-ISTATI MEMBRI U D-DELITTI INTERNAZZJONALI L-AKTAR SERJI18

1.1 id-delitti internazzjonali l-aktar serji jikkostitwixxu sfida għall-UE u l-Istati Membri ........ 18

1.1.1 Ir-rabta bejn id-delitti internazzjonali l-aktar serji u l-Istati Membri ........ 18

1.1.2 Min hu responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawn id-delitti? ........ 22

1.2 Obbligu tal-Istati li jinvestigaw u li jiftħu proċeduri għad-delitti internazzjonali l-aktar serji ........ 23

1.2.1 Implimentazzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji fil-leġislazzjoni nazzjonali ........ 25

1.3 Sfidi għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji ........ 26

Kumplessità tal-fatti ........ 27

1.3.2 Kumplessità ġuridika ........ 34

IT-TIENI KAPITOLU: IMPENN FAVUR IL-ĠLIEDA KONTRA L-IMPUNITÀ FI ĦDAN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA ........ 37

2.1 Fil-livell tal-UE ........ 37

2.1.1 Ir-rwol tan-Netwerk ........ 39

2.2 Fil-livell tal-Istati Membri ........ 40

2.2.1 Riżultati fil-livell tal-Istat Membr u l-membri tan-Netwerk ........ 43

KAPITOLU TLIETA: SETT TA' MIŻURI B'APPOĠĠ GĦALL- INVESTIGAZZJONIJIET U L-PROSEKUZZJONIJIET TAD-DELITTI INTERNAZZJONALI L-AKTAR SERJI FUQ LIVELL NAZZJONALI ........ 47

Miżura 1: L-istabbiliment, l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' unitajiet speċjalizzati ........ 47

Miżura 2: Evitar ta' immunità mill-prosekuzzjoni permezz ta' titjib fl-identifikazzjoni ta' każijiet u informazzjoni rilevanti għall-każijiet ........ 49

Miżura 3: Stabbiliment ta' sistema ta' kooperazzjoni effettiva ........ 52

Miżura 4: Titjib fil-leġislazzjoni relatata mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-MLA ........ 56

Miżura 5: Bini tan-Netwerk bħala ċentru speċjalizzat u l-promozzjoni tiegħu f'*fora* tal-UE kif ukoll fuq livell globali ........ 57

Miżura 6: Tiġdid tal-impenn tal-UE ........ 59

Miżura 7: Tisħiħ tal-kapaċitajiet u sensibilizzazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti ........ 60

Miżura 8: Drittijiet, appoġġ u protezzjoni ta' vittmi u xhieda tad-delitti internazzjonali l-aktar serji ........ 61

**SOMMARJU EŻEKUTTIV**

L-Unjoni Ewropea (UE) esprimiet l-impenn tagħha li tiżgura l-konsistenza u l-koerenza tal-politiki esterni u interni tagħha fil-ġlieda kontra l-impunità għal ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra ('id-delitti internazzjonali l-aktar serji').[21] Fil-politika tagħha dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI), l-UE għandha l-għan li tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawn id-delitti biex jiġi żgurat li l-UE ma tipprovdix immunità mill-prosekuzzjoni lil min iwettaq ir-reati.[22]

Bħala parti minn dan l-impenn, fl-2002, il-Kunsill tal-UE (il-'Kunsill') adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/494/ĠAI li tistabbilixxi 'Network Ewropew ta' punti ta' kuntatt dwar persuni li huma responsabbli għal ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra' (in-'Netwerk kontra l-Ġenoċidju jew in-'Netwerk'). In-Netwerk kontra l-Ġenoċidju jiltaqa' darbtejn fis-sena u jlaqqa' lil prosekuturi, investigaturi tal-pulizija u esperti oħrajn ('punti ta' kuntatt') mill-Istati Membri kollha. Fl-2003, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/ĠAI, maħsuba biex tiżdied il-kooperazzjoni bejn il-pulizija u s-servizzi tal-prosekuzzjoni, biex b'hekk isir l-aħjar użu mill-kapaċità tal-awtoritajiet tal-ġustizzja kriminali fl-Istati Membri differenti biex jikkooperaw b'mod effettiv fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawk li allegatament wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji. In-Netwerk jippromwovi l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni billi jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni fost il-professjonisti, jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri differenti u jipprovdi forum għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki. Mill-2011 'il hawn, in-Netwerk kontra l-Ġenoċidju qed jiġi appoġġat fil-ħidma tiegħu permezz tas-Segretarjat ibbażat fil-Eurojust fl-Aja.

---

21 It-terminu 'd-delitti internazzjonali l-aktar serji' għandu jintuża fid-dokument kollu b'referenza għal dawk id-delitti internazzjonali li jaqgħu taħt il-mandat tan-Netwerk, jiġifieri d-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra. In-Netwerk ma jirrikonoxxix li bosta mit-temi koperti fl-'Istrateġija tan-Netwerk tal-UE kontra l-Ġenoċidju biex tiġi miġġielda l-impunità għad-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha' japplikaw ukoll għat-tortura u l-għajbien sfurzat bħala delitti distintivi. L-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tat-tortura u l-għajbien sfurzat bħala delitti separati huma komponent importanti fil-ġlieda globali kontra l-impunità.

22 *Ara* L-Programm tal-Aja: għaxar prijoritajiet għall-ħames snin li ġejjin. Is-sħubija għal tiġdid Ewropej fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, COM 2005, ĠU C 236 tal-24 ta' Settembru 2005, p.11 , http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2005:053:0001:0014:EN:PDF; u l-Programm ta' Stokkolma, ĠU C 115/1 tal-4 ta' Mejju 2010, p. 8, http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52010XG0504(01)&from=MT.

Attwalment, dawn l-inizjattivi tal-UE jikkostitwixxu l-pedament tal-impenn tal-UE fil-qasam tal-ĠAI favur il-ġlieda kontra l-impunità. Huma jipprovdu kontribut krućjali fil-promozzjoni u l-appoġġ tal-isforzi fl-Istati Membri biex dawk li jwettqu dawn id-delitti jwieġbu għal għemilhom. L-Istati Membri jinsabu fuq quddiem fil-ġlieda kontra l-impunità għal dawn id-delitti, irrispettivament minn fejn, minn min jew fuq min jitwettqu. L-Istati Membri kollha rratifikaw it-trattati u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti li jobbligawhom biex jiżguraw li dawk li wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji jiġu investigati, jiġu mixlija u jingħataw pieni. Diversi Stati Membri segwew ir-rakkomandazzjoni tal-UE fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/ĠAI biex jiġu stabbiliti 'unitajiet responsabbli għad-delitti tal-gwerra' magħmulin minn persunal speċjalizzat li jittrattaw id-delitti internazzjonali l-aktar serji fid-dipartimenti tal-pulizija u tal-prosekuzzjoni tal-Istati Membri, li wasslu għal numru sostanzjali ta' kundanni b'suċċess ta' dawk li wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji fl-Istati Membri matul dawn l-aħħar snin u li jibagħtu sinjal importanti li l-impunità għal dawn id-delitti mhijiex ittollerata mill-UE u l-Istati Membri.

Fl-istess ħin, hemm iktar x'jista' jsir fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex ikun previst approċċ konsistenti u effettiv għall-ġlieda kontra l-impunità li japplika kullimkien fl-UE. Kif deskritt f'iktar dettall hawn taħt, dan l-approċċ irawwem iktar kooperazzjoni u kondiviżjoni tal-informazzjoni fuq livell nazzjonali u fil-livell tal-UE, l-istabbiliment ta' unitajiet speċjalizzati f'iktar Stati Membri u aktar appoġġ mill-UE għall-awtoritajiet nazzjonali biex b'hekk jikber in-numru ta' Stati Membri li huma impenjati b'mod attiv fil-ġlieda kontra l-impunità.

F'dan il-kuntest, il-punti ta' kuntatt tan-Netwerk stabbilixxew Task Force biex tesplora u tipproponi passi biex tiżdied l-effiċjenza fil-ġlieda kontra l-impunità fi ħdan l-UE.[23] In-Netwerk kien ukoll tal-fehma li strument ġdid, bħall-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Impunità, jista' jkun għodda importanti biex jiġu inkoraġġuti l-kooperazzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar prattiki fuq livell nazzjonali u reġjonali għat-titjib tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet.[24]

---

23 It-Task Force tan-Netwerk hu magħmul minn ħames punti ta' kuntatt (tliet prosekuturi pubbliċi, uffiċjal tal-pulizija u uffiċjali tal-MLA), jagħmel diversi laqgħat u hu appoġġat mis-Segretarjat tan-Netwerk.

24 *Ara* 'It-tisħiħ tal-isforzi fil-ġlieda kontra l-impunità fi ħdan l-UE u l-Istati Membri tagħha għal delitti internazzjonali serji - tiġdid tal-impenn fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni', dokument 16340/13 GENVAL 13 tal-Kunsill tal-UE, 19 ta' Novembru 2013, u 'Sommarju tad-diskussjonijiet', dokument 17164/13 GENVAL 87 tal-Kunsill tal-UE, 4 ta' Diċembru 2013.

Bħala l-ewwel pass, it-Task Force tan-Netwerk abbozza din l-'Istrateġija tan-Netwerk tal-UE kontra l-Ġenoċidju biex tiġi miġġielda l-impunità għad-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha' ('Strateġija'). Il-punti ta' kuntatt kollha, kif ukoll l-esperti tas-soċjetà ċivili, kellhom l-opportunità li jipprovdu kontribut ibbażat fuq il-kompetenza esperta u l-esperjenza tagħhom. L-Istrateġija hi bbażata fuq l-esperjenza miksuba u l-aħjar prattika identifikata mill-prosekuturi, l-investigaturi tal-pulizija u esperti oħrajn, kif ukoll id-diskussjonijiet u l-konklużjonijiet ta' sittax-il laqgħa tan-Netwerk matul dawn l-aħħar tnax-il sena. L-Istrateġija tirrakkomanda sett komprensiv ta' miżuri li għandhom jittieħdu mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri b'appoġġ għall-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda kontra l-impunità, biex dawk li jwettqu d-delitti jwieġbu għal għemilhom u biex il-vittmi jingħataw ġustizzja għall-ħsara li ġarrbu. In-Netwerk, permezz tal-punti ta' kuntatt tiegħu fuq livell nazzjonali u s-Segretarjat tan-Netwerk[25] fil-livell tal-UE, ser juża l-Istrateġija bħala qafas li jiggwida l-iżvilupp kontinwu tan-Netwerk fis-snin li ġejjin u li jippromwovi involviment akbar mill-UE u l-Istati Membri. In-Netwerk ser jirrieżamina u jevalwa l-Istrateġija fuq bażi regolari biex jirrifletti fuq il-bidliet u l-iżviluppi li jkunu għaddejjin f'dak il-perijodu hekk kif jinħoloq għarfien akbar dwar il-ħtieġa li tiġi miġġielda l-impunità.

Għaldaqstant, l-objettiv ta' din l-Istrateġija hu maqsum fi tnejn:

1. Fil-livell tal-UE, li jissaħħaħ l-impenn tal-UE fil-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti internazzjonali l-aktar serji u biex jingħata iktar appoġġ lill-Istati Membri. Is-Segretarjat, bl-appoġġ tal-punti ta' kuntatt, ser jagħmel kuntatt mal-istituzzjonijiet rilevanti u l-persuni rilevanti li jieħdu d-deċiżjonijiet biex joħloq kuxjenza dwar l-isfidi li jiffaċċjaw l-awtoritajiet nazzjonali tal-ġustizzja kriminali fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-għoti ta' pieni marbutin mad-delitti internazzjonali l-aktar serji u biex jikkondividu l-aħjar prattika fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi.
2. Fil-livell tal-Istati Membri, biex isir kontribut għal u, fejn meħtieġ, biex tiġi żviluppata l-prattika tal-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda kontra l-impunità fuq livell nazzjonali billi jiġu identifikati miżuri konkreti li ser jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji.

[25] Is-Segretarjat tan-Netwerk kontra l-Ġenoċidju ġie stabbilit f'Lulju 2011 skont l-Artikolu 25a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja. Is-Segretarjat jagħmel parti mill-persunal tal-Eurojust u jopera bħala unità separata.

Bil-għan li jiġu sodisfatti dawn l-objettivi, in-Netwerk ser jippreżenta din l-Istrateġija lill-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-UE, inkluż il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Ġenerali inkluża l-Evalwazzjoni (GENVAL), b'talba biex GENVAL jaħdem biex eventwalment ikun hemm Konklużjonijiet tal-Kunsill ĠAI dwar l-impenn tal-UE u l-Istati Membri favur il-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti internazzjonali l-aktar serji u b'hekk din il-materja tingħata attenzjoni mill-ministri. In-Netwerk ser jinvolvi wkoll lill-Kummissjoni Ewropea bil-għan li jikseb iktar impenn fil-politika tagħha favur il-ġlieda kontra l-impunità. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali ser jiżguraw, sa fejn possibbli, li l-Istrateġija tiġi kkomunikata lill-persuni rilevanti li jieħdu d-deċiżjonijiet fuq livell nazzjonali u li din tiġi diskussa magħhom. Dawn id-diskussjonijiet fuq livell nazzjonali huma mezzi kruċjali biex tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali fil-ġlieda kontra l-impunità u biex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex, f'*fora* rilevanti tal-UE, iqajmu l-kwistjoni tal-ħtieġa għal impenn akbar min-naħa tal-UE.

L-Istrateġija tissottolinja l-kuntesti differenti li fihom l-Istati Membri jiffaċċjaw id-delitti internazzjonali l-aktar serji, u l-passi li ttieħdu s'issa fil-livell tal-UE u dak tal-Istati Membri. L-Istrateġija tiddeskrivi wkoll l-isfidi li jiffaċċjaw l-investigaturi u l-prosekuturi u awtoritajiet oħrajn fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-għoti ta' pieni b'rabta ma' delitti internazzjonali, u tenfasizza l-aħjar prattika identifikata fil-passat biex dawn l-isfidi jiġu indirizzati. L-aħħar taqsima tal-Istrateġija tippreżenta sett ta' miżuri biex jitjiebu l-effiċjenza u l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet nazzjonali flimkien ma' xi rakkomandazzjonijiet komplementari għall-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali u s-Segretarjat tan-Netwerk.

RAKKOMANDAZZJONIJIET FIL-QOSOR

**Għall-Istituzzjonijiet tal-UE:**

1. Li jiżguraw riżorsi adatti biex in-Netwerk jinbena bħala ċentru speċjalizzat u biex dan jiġi promoss kemm f'*fora* tal-UE kif ukoll dawk esterni.
2. Li jerġgħu jaffermaw l-impenn tagħhom favur il-ġlieda kontra l-impunità billi jivvalutaw il-possibbiltajiet addizzjonali ta' finanzjament għan-Netwerk u għall-awtoritajiet nazzjonali biex jistabbilixxu unitajiet speċjalizzati, u għal taħriġ u attivitajiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet.
3. Li jevalwaw formalment l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2002/494/ĠAI u 2003/335/ĠAI, u li jorganizzaw seduta annwali dwar il-ġlieda kontra l-impunità fl-UE, li għandha ssir fil-Parlament Ewropew.
4. Li jqiegħdu t-tema fuq l-aġenda politika u jirrikonoxxu li l-finanzjament huwa mezz essenzjali biex l-awtoritajiet nazzjonali u s-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jikkoordinaw b'mod effettiv il-ġlieda tagħhom kontra l-impunità; jiżviluppaw il-fehim tad-dritt kriminali internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali; u jżidu l-għarfien tal-pubbliku rigward il-ħtieġa li tiġi miġġielda l-impunità.
5. Li jemendaw il-mandat tal-Eurojust u l-Europol biex jiġu inklużi d-delitti internazzjonali l-aktar serji.
6. Li jħejju Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġlieda kontra l-Impunità fi ħdan l-UE.

**Għall-Istati Membri:**

7. Li jirrieżaminaw u, fejn meħtieġ, jemendaw il-leġislazzjoni domestika rigward id-delitti internazzjonali l-aktar serji biex jiżguraw li din tirrifletti l-obbligi skont id-dritt internazzjonali u ma tipprovdix immunità indebita lill-individwi.
8. Li jistabbilixxu unitajiet speċjalizzati fi ħdan is-servizzi ta' prosekuzzjoni u tal-pulizija; u jiżviluppaw strateġija nazzjonali u pjattaformi nazzjonali għall-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti internazzjonali l-aktar serji.
9. Li jiżguraw li, fi ħdan id-dipartimenti tal-immigrazzjoni tagħhom, il-membri tal-persunal jitħarrġu kif jixraq, li tiġi żviluppata l-aħjar prattika, u li ċ-ċirkolazzjoni tal-informazzjoni mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tkun waħda effiċjenti, b'obbligu speċifiku li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jiġu infurmati meta jkun hemm każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 1F.
10. Li tissaħħaħ il-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri, pereżempju permezz tal-użu ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta (SIK) fejn adatt; li jingħata appoġġ lill-inizjattiva għal qafas ta' kooperazzjoni globali bejn l-Istati Membri.

11. Li jiġi żgurat skambju effettiv tal-informazzjoni fi ħdan id-dipartimenti tal-istat, b'mod partikolari fost l-investigaturi, il-prosekuturi u l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-iffriżar u l-konfiska tal-assi, il-projbizzjonijiet kummerċjali jew il-projbizzjonijiet tal-ivvjaġġar.

12. Li jespandu l-użu tan-Netwerk u tas-Segretarjat tan-Netwerk permezz tan-nomina ta' diversi punti ta' kuntatt nazzjonali b'esperjenza u kompetenza esperta fil-prosekuzzjoni, l-investigazzjoni kriminali u l-assistenza legali reċiproka (MLA).

13. Li jintegraw il-perspettivi tal-vittmi fl-istrateġiji investigattivi u ta' prosekuzzjoni tagħhom mill-bidu nett fil-każ biex jiżguraw li l-proċeduri jkunu ġusti u li jkollhom impatt ġust fuq il-vittmi u l-komunitajiet affettwati, u li l-vittmi jingħataw informazzjoni dwar id-drittijiet u l-arranġamenti għall-protezzjoni tagħhom.

14. Li jinħoloq għarfien pubbliku dwar il-ħtieġa li tiġi miġġielda l-impunità u dwar l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet assoċjati tad-delitti internazzjonali l-aktar serji.

## Għall-Punti Nazzjonali ta' Kuntatt:

15. Li jxerrdu informazzjoni dwar it-temi diskussi min-Netwerk lil membri oħrajn tas-servizzi tal-prosekuzzjoni u tal-infurzar tal-liġi kif ukoll lil awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn, bħas-servizzi tal-immigrazzjoni fuq livell nazzjonali.

16. Li jippreżentaw informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' dawk responsabbli għad-delitti internazzjonali l-aktar serji lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-pubbliku inġenerali.

17. Li jaġixxu bħala punt ta' komunikazzjoni għal professjonisti u jittrasmettu l-informazzjoni lura lin-Netwerk.

## Għas-Segretarjat tan-Netwerk:

18. Li jiffaċilita l-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali billi jespandi l-funzjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni biex ikun jista' jsir skambju ikbar ta' prattiki tajba, liġijiet applikabbli, prosekuzzjonijiet u investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin f'dak il-mument.

19. Li jassisti lill-Istati Membri fl-istabbiliment u l-promozzjoni ta' unitajiet speċjalizzati.

20. Li jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ta' sforzi biex dawk li jwettqu d-delitti jwieġbu għal għemilhom.

21. Li jipproduċi rapport annwali tal-attività li jippreżenta informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' dawk li jwettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji.

22. Li jipprovdu informazzjoni b'mod regolari lill-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill, inkluż il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Internazzjonali Pubbliku (COJUR), il-qasam sekondarju tal-Qorti Kriminali Internazzjonali tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Internazzjonali Pubbliku (COJUR-ICC), il-K**umitat ta' Koordinament fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (**CATS), il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Ġenerali inkluża l-Evalwazzjoni (GENVAL), u l-gruppi ta' ħidma reġjonali.

L-EWWEL KAPITOLU: L-ISTATI MEMBRI U D-DELITTI INTERNAZZJONALI L-AKTAR SERJI

## 1.1 id-delitti internazzjonali l-aktar serji jikkostitwixxu sfida għall-UE u l-Istati Membri

Madwar mitejn miljun persuna tilfu ħajjithom bħala riżultat dirett jew indirett ta' vjolenza kollettiva promossa mill-istat fis-seklu għoxrin[26] u fid-deċennji reċenti, twettqu d-delitti internazzjonali l-iktar serji madwar ħames kontinenti differenti. Dawn id-delitti spiss iseħħu f'perijodi ta' konflitt armat jew kriżijiet ċivili, jinvolvu numru kbir ħafna ta' persuni li jwettqu delitti, numru kbir ta' xhieda u mijiet, u saħansitra eluf ta' vittmi, u huma kkaratterizzati minn brutalità estrema u ripetuta.

Id-delitt ta' enoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra huma 'atroċitajiet li ma jitwemmnux u li jixxukjaw il-kuxjenza tal-umanità profondament' u jitqiesu li 'jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-benessri tad-dinja' [traduzzjoni mhux uffiċjali].[27] L-iżvilupp tad-dritt kriminali internazzjonali, l-istabbiliment tat-tribunali ad hoc fis-snin disgħin, li ġew segwiti mill-ħolqien tal-QKI, jirriflettu kemm huma serji dawn id-delitti u l-ħtieġa għal reazzjoni b'saħħitha kontra l-persuni li jwettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji. Madankollu, il-ġlieda kontra l-impunità mhijiex ristretta għall-istabbilimenti internazzjonali, u, fil-fatt, l-Istati Membri għandhom l-obbligu primarju li jinvestigaw u li jiftħu proċeduri kontra persuni li jwettqu dawn id-delitti.

### 1.1.1 Ir-rabta bejn id-delitti internazzjonali l-aktar serji u l-Istati Membri

Minkejja l-perċezzjoni ġenerali li d-delitti internazzjonali l-aktar serji jseħħu f'postijiet 'il bogħod, l-esperjenza wriet li dawn id-delitti, dawk li jwettqu d-delitti u l-assi, il-vittmi u x-xhieda tagħhom, għandhom rabtiet reali mal-Istati Membri. id-delitti internazzjonali l-aktar serji seħħew fit-territorju tal-Istati Membri, pereżempju matul it-Tieni Gwerra Dinjija iżda wkoll fid-deċennji l-aktar reċenti. Dawn kienu wkoll jinvolvu lil ċittadini tal-Istati Membri, sew bħala vittmi kif ukoll bħala persuni li jwettqu d-delitti. Rabta oħra bejn id-delitti internazzjonali l-aktar serji u l-Istati Membri tirriżulta meta ċittadini ta' Stati terzi li kienu involuti fid-delitti internazzjonali l-aktar serji jkunu preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, sew jekk bħala viżitaturi, kif ukoll bħala persuni li jfittxu l-asil jew residenti.

---

[26] A. Smeulers u F. Grunfeld, *International Crimes and other Gross Human Rights Violations: a multi- and interdisciplinary textbook,* Antwerp, 2011, Intersentia, Preface, p. XIIV.

[27] *Ara* l-Premessi 2 u 3 għall-Istatut ta' Ruma tal-QKI.

*Territorju*

Id-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra fil-fatt twettqu fit-territorju tal-Istati Membri. L-awtoritajiet nazzjonali għadhom jiffaċċjaw atroċitajiet tal-massa, bħall-persuni li kienu ssuspettati li kienu Nażisti involuti f'delitti tal-gwerra mit-Tieni Gwerra Dinjija[28] kif ukoll ir-reġimi Komunisti totalitarji mill-Gwerra Bierda.[29] L-adeżjoni reċenti tal-Kroazja mal-UE estendiet it-territorju tal-UE fejn twettqu delitti fid-deċennji li għaddew u fejn għadhom għaddejjin investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet.

28 *Ara* l-kawża reċenti marbuta mal-estradizzjoni ta' persuna li kienet issuspettata li kienet Nażist involut f'delitti tal-gwerra bejn is-Slovakkja u l-Ungerija fuq is-sit: http://www.theguardian.com/world/2013/aug/12/laszlo-csatary-dead-hungary-auschwitz. Din il-kawża ntemmet minħabba l-mewt ta' László Lajos Csatáry fit-12 ta' Awwissu 2013, http://www.bbc.com/news/world-europe-23664226.

29 *Ara* l-kawża reċenti marbuta mal-kundanna ta' ex-Ministru Ungeriż għad-delitti tal-gwerra tal-1956, disponibbli fuq is-sit: http://www.bbc.com/news/world-europe-27398373.

*Ċittadini mill-Istati Membri*

Iċ-ċittadini tal-Istati Membri jistgħu jkunu involuti fit-twettiq tad-delitti internazzjonali l-aktar serji bħala persuni li wettquhom,[30] vittmi[31] jew xhieda, irrispettivament mill-post ġeografiku fejn ikunu seħħew id-delitti. Minbarra l-persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi bbażati fl-UE jistgħu wkoll ikunu involuti fit-twettiq, l-għoti ta' appoġġ, l-għoti ta' għajnuna, il-ġegħil jew jagħmlu profitt minn delitti internazzjonali mwettqin barra mill-pajjiż.[32] L-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom fir-rigward ta' persuni li jwettqu dawn id-delitti minħabba l-involviment taċ-ċittadini tagħhom bħala vittmi jew xhieda jew il-fatt li ċ-ċittadini jew il-kumpanniji tagħhom ikunu ffaċilitaw it-twettiq ta' delitti minn ġewwa t-territorju tal-UE.

---

[30] *Pereżempju*, fil-Pajjiżi l-Baxxi ġew investigati u ttellgħu l-qorti żewġ negozjanti Olandiżi ssuspettati li taw għajnuna fit-twettiq ta' delitti tal-gwerra u li ġiegħlu t-twettiq tagħhom fl-Iraq u l-Liberja, rispettivament. *Ara* https://www.om.nl/onderwerpen/international-crimes-0/what-cases-have-been/iraq/ u https://www.om.nl/onderwerpen/international-crimes-0/what-cases-have-been/liberia/. F'ċerti każijiet, il-persuni daħlu fl-UE bħala persuni li jfittxu l-asil u wara kisbu ċ-ċittadinanza fi Stat Membru. B'dan il-mod, huma saru ċittadini fil-perijodu bejn meta twettqu d-delitti u meta dawn saru persuni ssuspettati. *Ara wkoll* il-kawża reċenti Olandiża kontra Yvonne N fuq is-sit: https://www.om.nl/onderwerpen/international-crimes-0/what-cases-have-been/rwanda/.

[31] *Pereżempju*, fil-Belġju ġie investigat u ttella' l-qorti l-Maġġur Bernard Ntuyahaga għall-involviment tiegħu fil-qtil ta' għaxar membri tal-forzi tan-NU responsabbli għaż-żamma tal-paċi matul il-Ġenoċidju fir-Rwanda, disponibbli fuq is-sit: http://www.theguardian.com/world/2007/jul/05/rwanda.angeliquechrisafis. Barra minn hekk, it-twaqqigħ reċenti tal-ajruplan ċivili MH17 fl-ajru fuq l-Ukraina nieda investigazzjoni internazzjonali għad-delitti tal-gwerra. Il-maġġoranza tal-vittmi ta' dan l-allegat delitt kienu ċittadini mill-Istati Membri. *Ara* http://www.reuters.com/article/2014/07/21/us-ukraine-crisis-dutch-idUSKBN0FQ15620140721 u https://www.om.nl/algemeen/english/@86120/joint-investigation/.

[32] *Pereżempju*, fil-Pajjiżi l-Baxxi ġie investigat l-involviment tal-kumpannija Olandiża, Lima Holding B.V., minħabba dak li deher li kien involviment min-naħa tagħha fil-bini tal-fruntiera Iżraeljana u sit industrijali qrib ix-Xatt tal-Punent, http://www.om.nl/onderwerpen/internationale/map/concerning/. Barra minn hekk, fl-Isvizzera infetħet investigazzjoni b'rabta mal-kawża ta' Argos Heraeus, wieħed mill-ikbar raffineriji tad-deheb fid-dinja, għal kompliċità f'delitti tal-gwerra u ħasil tal-flus fir-rigward tas-sorsi tad-deheb minn grupp armat fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, http://www.reuters.com/article/2013/11/04/congo-gold-idUSL5N0IP29K20131104.

*Ċittadini minn Stati terzi*

Il-maġġoranza tad-delitti internazzjonali l-aktar serji jseħħu fit-territorju ta' Stati terzi. Madankollu, il-persuni li jwettqu d-delitti, ix-xhieda u l-vittmi jistgħu jidħlu fit-territorju tal-UE bħala viżitaturi permezz ta' applikazzjonijiet għal viżi jew bħala applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (jiġifieri applikanti għall-asil). Dan l-aħħar xenarju hu partikolarment rilevanti, peress li d-delitti internazzjonali l-aktar serji spiss iseħħu fil-kuntest ta' konflitt armat jew bħala riżultat tal-kollass tal-Istat tad-dritt. Konsegwentement, il-poplu f'dawn il-pajjiżi milquta jistgħu jaħarbu minn pajjiżhom u jidħlu fit-territorju tal-UE. In-numru ta' ċittadini minn Stati terzi li qed ifittxu l-asil fl-UE żdied b'mod sinifikanti fis-snin reċenti, fejn in-numru ta' applikazzjonijiet għall-asil laħaq 435 000 fl-2013.[33] Jista' jagħti l-każ li matul dan il-proċess ħadd ma jinduna b'uħud mill-persuni li wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji u għalhekk jistgħu jikkompletaw b'suċċess l-applikazzjoni tagħhom għall-asil. Għal oħrajn, l-istatus ta' refuġjat jista' jinċaħad għal numru ta' raġunijiet, inkluż l-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati.[34]

Uħud mill-persuni ssuspettati jistgħu jiġu estraditi biex jitressqu l-qorti barra mill-UE; madankollu, minħabba l-prinċipju ta' *non-refoulement,*[35] jew sempliċiment minħabba nuqqas ta' qafas legali adatt għall-estradizzjoni, uħud jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri. F'dan l-aħħar każ, u skont regoli ta' ġurisdizzjoni differenti, isir appell lill-awtoritajiet nazzjonali skont l-obbligi internazzjonali tagħhom biex jiftħu proċeduri kontra persuni li allegatament wettqu delitti li jkunu preżenti jew residenti fit-territorju tagħhom.[36]

---

[33] *Ara* r-Rapport tal-Eurostat bid-data tal-24 ta' Marzu 2014, disponibbli fuq is-sit: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/3-24032014-AP/EN/3-24032014-AP-EN.PDF.

[34] Dan l-artikolu jirreferi għal dawk il-każijiet previsti fl-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1954 dwar l-Istatus tar-Refuġjati, li jaqra kif ġej:
*'F. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni ma għandhomx japplikaw għal persuni li fir-rigward tagħhom ikun hemm raġunijiet serji biex jitqies li:*
*(a) Ikunu wettqu delitt kontra l-paċi, delitt tal-gwerra, jew delitt kontra l-umanità, kif definiti fl-istrumenti internazzjonali mfasslin biex jipprevedu dawn id-delitti;*
*(b) Ikunu wettqu delitt serju mhux ta' natura politika barra mill-pajjiż tar-refuġju qabel ma jidħlu f'dak il-pajjiż bħala refuġjati;*
*(c) Ikunu nstabu ħatja ta' atti li jmorru kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti.'*

[35] *Non-refoulement* hu prinċipju tad-dritt internazzjonali li jipprojbixxi t-tneħħija diretta jew indiretta ta' refuġjati biex jintbagħtu f'territorju fejn 'ħajjithom jew il-libertà tagħhom tkun mhedda akkont tar-razza, ir-reliġjon, iċ-ċittadinanza, is-sħubija fi grupp soċjali partikolari jew l-opinjoni politika [tagħhom]. Madankollu, il-prinċipju ma japplikax jekk 'ikun hemm raġunijiet ġustifikati biex [ir-refuġjat] jitqies bħala periklu għas-sigurtà tal-pajjiż li fih ikun [jinstab f'dak il-mument], jew li, b'segwitu għal kundanna b'sentenza finali b'rabta ma' delitti partikolarment serju, jikkostitwixxi periklu għall-komunità ta' dak il-pajjiż.' [traduzzjoni mhux uffiċjali] Il-prinċipju hu stipulat fl-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati u l-Protokoll tiegħu tal-1967.

[36] Il-prinċipju ta' *aut dedere aut judicare* jirreferi għall-obbligu legali tal-Istati li jiftħu proċeduri jew jestradixxu lil persuni li jwettqu delitti internazzjonali serji. *Ara* d-dmir ta' estradizzjoni jew

Kwistjoni oħra li tista' tqum hi marbuta ma' kwistjonijiet possibbli ta' immunità għad-diplomatiċi, l-uffiċjali tal-gvern jew rappreżentanti oħrajn li jistgħu jkunu involuti fit-twettiq ta' dawn id-delitti.

Fl-aħħar nett, il-preżenza ta' vittmi u xhieda li huma ċittadini ta' Stati terzi tinvolvi responsabbiltà għal kooperazzjoni ġudizzjarja ma' Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-QKI. Kważi ma tistax tiġi evitata l-ħtieġa ta' kooperazzjoni ma' Stati Membri jew Stati terzi oħrajn biex issir prosekuzzjoni adatta ta' dawk li allegatament wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji, peress li x-xhieda, il-vittmi u min iwettaq id-delitti spiss ikunu jinstabu f'ġurisdizzjonijiet differenti. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-Istati Membri jista' jkollhom ir-responsabbiltà li jipprovdu protezzjoni u/jew kumpens lill-vittmi u/jew lix-xhieda.

### 1.1.2 Min hu responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawn id-delitti?

L-Istati għandhom ir-responsabbiltà prinċipali għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra. Dawn l-obbligi joħorġu minn trattati internazzjonali[37] u d-dritt konswetudinarju, li ħafna minnhom ġew issolidifikati fl-Istatut ta' Ruma tal-QKI li permezz tiegħu l-Istati Partijiet irrikonoxxew l-obbligu li tiġi miġġielda l-impunità ta' dawk li jwettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji. Barra minn hekk, il-ġurisdizzjoni tal-QKI hi ristretta għal numru żgħir ta' każijiet partikolari, li jfisser li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà li jiftħu proċeduri kontra min iwettaq id-delitti internazzjonali l-aktar serji.

Bl-eċċezzjoni tal-QKI, it-tribunali internazzjonali *ad hoc* kollha ġew stabbiliti għal sitwazzjoni speċifika, u fihom setgħu biss jinfetħu proċeduri kontra persuni li wettqu delitti involuti f'dak il-konflitt, dment li jiġu sodisfatti wkoll kriterji addizzjonali. Il-QKI hi l-ewwel qorti internazzjonali permanenti, u filwaqt li l-mandat tagħha hu inqas ristrett f'termini ġeografiċi, u jestendi għat-territorju tal-Istati Partijiet kollha, jista' jkun hemm għadd ta' restrizzjonijiet oħrajn fuq il-kapaċità tagħha li teżerċita ġurisdizzjoni. L-ewwel nett, għalkemm kull wieħed mit-28 Stat Membru huwa parti għall-Istatut ta' Ruma, b'122 Stati Partijiet biss fid-dinja kollha,[38] il-QKI mhijiex fil-fatt qorti verament globali. Barra minn hekk, il-ġurisdizzjoni tal-QKI hi limitata għal sitwazzjonijiet li jinvolvu delitti mwettqin

1) minn ċittadin ta' Stat Parti, jew

2) fit-territorju ta' Stat Parti, jew

3) jekk ikun sar riferiment speċifiku għas-sitwazzjoni min-Nazzjonijiet Uniti lill-QKI, jew

---

prosekuzzjoni b'rabta mad-delitt tat-tortura*:* Kwistjonijiet marbutin mal-obbligu ta' prosekuzzjoni jew estradizzjoni, *Ara,* Belgium v. Senegal, Sentenza, ICJ GL Nru 144, ICGJ 437 (ICJ 2012), 20 ta' Lulju 2012, Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja [QIĠ], disponibbli fuq is-sit: http://www.icjcij.org/docket/files/144/17064.pdf.

37 *Ara hawn taħt* it-taqsima 1.2 ta' din l-Istrateġija dwar l-obbligi tal-Istati.

38 122 Stati Partijiet mis-17 ta' Settembru 2014. Għal numru aġġornat, *ara* http://www.icc-cpi.int/en_menus/asp/states%20parties/Pages/the%20states%20parties%20to%20the%20rome%20statute.aspx.

4) jekk Stat ikun aċċetta speċifikament l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mill-Qorti b'rabta ma' delitt partikolari.[39]

Barra minn hekk, il-ġurisdizzjoni tal-QKI hi ristretta għal delitti li twettqu wara l-1 ta' Lulju 2002;[40] għal dawk id-delitti internazzjonali l-aktar serji kif definiti fl-Istatut ta' Ruma (li mhuwiex lista eżawrjenti kif rikonoxxut minn sorsi oħrajn tad-dritt kriminali internazzjonali[41]); u f'bosta każijiet għal dawk il-persuni li wettqu reati 'li jġorru l-ikbar responsabbiltà għar-reat'.[42] Bħala l-aktar element importanti, il-prinċipju ta' komplementarjetà jfisser li

l-QKI jkollha ġurisdizzjoni biss f'każijiet fejn l-Istati ma jkunux jistgħu jew iridu jkollhom ġurisdizzjoni.[43] Għaldaqstant, għandha tiġi żgurata prosekuzzjoni effettiva billi jittieħdu miżuri fuq livell nazzjonali u permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali.[44] Għalhekk, il-QKI għandha l-ġurisdizzjoni jew tassumi l-ġurisidizzjoni f'għadd limitat ħafna ta' każijiet, u l-Istati għandhom id-dmir, l-ewwel u qabel kollox, li jfittxu, jinvestigaw u jiftħu proċeduri kontra dawk responsabbli għat-twettiq tad-delitti internazzjonali l-aktar serji.

## 1.2 Obbligu tal-Istati li jinvestigaw u li jiftħu proċeduri għad-delitti internazzjonali l-aktar serji

L-obbligi tal-Istati li jinvestigaw u jiftħu proċeduri għad-delitti internazzjonali l-aktar serji żviluppaw l-aktar matul dawn l-aħħar żewġ sekli, u l-kodifikazzjoni tar-regoli applikabbli f'tali sitwazzjonijiet ta' konflitt setgħat tiġi traċċata lura, fost l-oħrajn, għad-Dikjarazzjoni ta' San Pietruburgu tal-1868,[45] il-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1899 u l-1907,[46] it-Trattat ta' Versailles tal-1919, il-Karti tat-Tribunal Militari ta' Nuremberg u dak ta' Tokjo, il-Konvenzjoni dwar il-Ġenoċidju tal-1948 u l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u l-Protokolli Addizzjonali tagħhom.

---

[39] *Ara* l-Artikoli 12-13 tal-Istatut ta' Ruma tal-QKI.

[40] Barra minn hekk, Stat jista' jaċċetta l-ġurisdizzjoni tal-QKI b'mod retroattiv billi jippreżenta dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 12(3) tal-Istatut ta' Ruma.

[41] Pereżempju, 21 Stat Membru ffirmaw il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat, u l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall u Spanja rratifikaw il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri kollha rratifikaw l-erba' Konvenzjonijiet ta' Ġinevra, li jimponu obbligu pożittiv ta' prosekuzzjoni jew estradizzjoni, li jmur lil hinn mill-qafas tal-Istatut ta' Ruma.

[42] *Ara* l-Istrateġija tal-QKI rigward il-Prosekuzzjoni 2009-2012, para 34, disponibbli fuq is-sit: http://www.icc-cpi.int/NR/rdonlyres/66A8DCDC-3650-4514-AA62-229D1128F65/281506/OTPProsecutorialStrategy20092013.pdf ; il-Pjan Strateġiku tal-Uffiċċju tal-Prosekutur 2012-2015, para 22, disponibbli fuq is-sit: http://www.icc-cpi.int/en_menus/icc/structure%20of%20the%20court/office%20of%20the%20prosecutor/policies%20and%20strategies/Documents/OTP-Strategic-Plan-2012-2015.pdf.

[43] *Ara* l-Artikolu 17(1)(a) tal-Istatut ta' Ruma tal-QKI.

[44] Il-Premessa 4 għall-Preambolu għall-Istatut ta' Ruma tal-QKI.

[45] Dikjarazzjoni li Tiċħad l-Użu, fi Żminijiet ta' Gwerra, ta' Projettili Splussivi b'Piż taħt l-400 Gramma, San Pietruburgu, 29 ta' Novembru/11 ta' Diċembru 1868.

[46] Ħafna mir-regoli li jinsabu fil-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1899 u l-1907 konsegwentement kienu jirriflettu d-dispożizzjonijiet mill-Kodiċi Lieber (1863).

Is-sorsi li ġejjin tad-dritt internazzjonali jippermettu, u kultant jobbligaw, lill-awtoritajiet nazzjonali biex ifittxu, jinvestigaw u jifthu proċeduri jew jestradixxu lill-persuni responsabbli għat-twettiq tad-delitti internazzjonali l-aktar serji, irrispettivament minn fejn jitwettqu, u irrispettivament miċ-ċittadinanza ta' min iwettaq id-delitt jew il-vittma:

- Il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju tal-1948 (l-Artikoli 1, 5 u 6)[47]
- L-Erbgħa Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 (GC I, Artikolu 49; GC II, Artikolu 50; GC III, Artikolu 129; GC IV, Artikolu 146) u t-tliet Protokolli Internazzjonali (AP I, Artikolu 85)
- Il-Konvenzjoni tal-Aja għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Kulturali fil-Każ ta' Konflitt bl-Armi tal-1954 (Artikolu 28) u t-Tieni Protokoll Addizzjonali tiegħu (Artikolu 17(1))
- Il-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin u l-Għoti ta' Pieni tal-Apartheid tal-1976 (Artikolu 4)
- Il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra tal-1984 (Artikolu 5(2) u Artikolu 7(21))
- L-Istatut ta' Ruma tal-QKI tal-1998 (Premessi 4, 6 u 10 tal-Preambolu, Artikolu 1)
- Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat tal-2006 (Artikoli 3, 4, 6 u 9(2))
- Dritt Internazzjonali Konswetudinarju[48]

[47] Fl-Opinjoni Konsultattiva rigward Riżervi dwar il-Konvenzjoni dwar il-Ġenoċidju tat-28 ta' Mejju 1951, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja kienet tal-fehma li 'il-prinċipji abbażi tal-Konvenzjoni huma prinċipji rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati bħala vinkolanti fuq l-Istati, saħansitra mingħajr ebda obbligu konvenzjonali,' u b'hekk din il-Konvenzjoni ngħatat l-istatus ta' dritt internazzjonali konswetudinarju u konsegwentement saret vinkolanti għall-Istati kollha.

[48] Għal rieżami aktar komprensiv tal-eżistenza tal-obbligu ta' prosekuzzjoni jew estradizzjoni, ara Claire Mitchell, '*Aut Dedere, aut Judicare: The Extradite or Prosecute Clause in International* Law.' L-Annessi 2 u 4 għal dan id-dokument jirreferu għal numru ta' Riżoluzzjonijiet tan-NU li huma sinjal tal-evoluzzjoni ta' dan il-prinċipju bħala parti mid-dritt internazzjonali konswetudinarju. Disponibbli fuq is-sit: at http://iheid.revues.org/312.

### 1.2.1 Implimentazzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji fil-leġislazzjoni nazzjonali

Jeħtieġ li s-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont it-trattati internazzjonali u d-dritt internazzjonali konswetudinarju, kif iddikjarat hawn fuq. Mingħajr leġislazzjoni nazzjonali aġġornata, tiddgħajjef l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet, u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tiġi mfixkla wkoll. Pereżempju, wieħed mill-Istati Membri jista' jitlob MLA għal delitti kontra l-umanità filwaqt li l-Istat Membru rikjest ma setax jeżegwixxi t-talba peress li dawn id-delitti ma jeżistux fil-kodiċi penali tiegħu.[49] Minflok, traspożizzjoni inadegwata tista' tirriżulta fil-ftuħ ta' kawżi għal delitti inqas gravi, bħall-omiċidju. Konsegwentement, il-kawżi jistgħu jiġu ristretti b'ostakoli bħall-preskrizzjoni jew jekk ma jkunx hemm ġurisdizzjoni extraterritorjali.

*Delitti tal-gwerra*

L-implimentazzjoni tad-definizzjoni tad-delitti tal-gwerra fil-leġislazzjoni nazzjonali inkisbet, u 25 Stat Membru jiddefinixxu l-ambitu tad-delitt, u jipprevedu ġurisdizzjoni universali għall-prosekuzzjoni tal-persuni li jwettqu delitti li jkunu preżenti fit-territorji tagħhom. Madankollu, f'wieħed mill-Istati Membri, taħt il-leġislazzjoni nazzjonali attwali tiegħu ma teżisti l-ebda definizzjoni ta' delitti tal-gwerra, u fi tnejn oħrajn id-definizzjoni tiġi koperta biss fil-Kodiċi Kriminali Militari.[50]

*Delitti kontra l-umanità*

Il-leġislazzjoni penali nazzjonali fi tliet Stati Membri ma tipprovdix definizzjoni jew referenza għal delitti kontra l-umanità jew mhijiex għalkollox kompatibbli mal-Istatut ta' Ruma.[51]

---

**49** *Ara* r-rapporti mill-Koalizzjoni għall-Qorti Kriminali Internazzjonali, *Chart on the Status of Ratification and Implementation of the Rome Statute and the Agreement on Privileges and Immunities*, Global Advocacy Campaign for the International Criminal Court, Mejju 2012, disponibbli fuq is-sit: http://www.iccnow.org/documents/Global_Ratificationimplementation_chart_May2012.pdf, and from Amnesty International, *Universal Jurisdiction – A preliminary survey of legislation around the world – 2012 update*, Ottubru 2012, disponibbli fuq is-sit: http://www.amnesty.org/en/library/asset/IOR53/019/2012/en/2769ce03-16b7-4dd7-8ea3-95f4c64a522a/ior530192012en.pdf

**50** L-Awstrija ma għandha l-ebda leġislazzjoni għad-delitti tal-gwerra; id-Danimarka u l-Italja għandhom leġislazzjoni nazzjonali dwar id-delitti tal-gwerra biss fil-Kodiċi Kriminali Militari, li tkopri biss sitwazzjonijiet li jinvolvu atti mwettqa mill-armata tagħhom jew kontriha. *Ara* 'Extraterritorial Jurisdiction in the EU: A Study of the Laws and Practice in the 27 Member States of the EU', REDRESS/FIDH, Diċembru 2010, disponibbli fuq is-sit: http://www.redress.org/downloads/publications/Extraterritorial_Jurisdiction_In_the_27_Member_States_of_the_European_Union.pdf u http://www.legal-tools.org.

**51** L-Awstrija, id-Danimarka u l-Italja, *ibid.*

*Ġenoċidju*

L-implimentazzjoni tad-definizzjoni tad-delitt ta' ġenoċidju fil-leġislazzjoni nazzjonali nkisbet fl-Istati Membri kollha.

### 1.3 Sfidi għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji

Id-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra jikkostitwixxu firxa ta' sfidi għall-investigaturi u l-prosekuturi. Il-kumplessità tal-fatti tagħhom tagħmilhom differenti mill-maġġoranza ta' delitti domestiċi u konsegwentement twassal għal sfidi uniċi għall-investigaturi, u ħafna minn dawn l-isfidi huma aggravati mill-fatt li l-investigazzjonijiet spiss jitwettqu barra mill-UE. Kif adatt, gruppi speċjalizzati jaf ikollhom il-bżonn li jivvjaġġaw lejn pajjiżi terz biex jiġbru evidenza, jiffamiljarizzaw lilhom infushom max-xeni tad-delitt, jew imexxu s-smigħ tax-xhieda. Il-kumplessità ġuridika tagħhom tippreżenta wkoll sfidi speċjali għall-awtoritajiet nazzjonali li jippruvaw jistabbilixxu ġurisdizzjoni u jressqu l-qorti lil dawk responsabbli għall-atroċitajiet tal-massa.

*Kumplessità tal-fatti*

a. *In-natura u l-gravità tad-delitti*

Id-delitti internazzjonali l-aktar serji spiss iseħħu fi skala li ma tistax tiġi mqabbla mal-maġġoranza tad-delitti domestiċi. Dawn jistgħu jinvolvu mijiet u spiss eluf ta' vittmi diretti, diversi persuni li jwettqu delitti u ammont kbir ħafna ta' xhieda. Id-delitti ġeneralment jinvolvu brutalità estrema u ripetuta. Dawn il-fatturi għandhom għadd ta' implikazzjonijiet għall-investigaturi.

- Distribuzzjoni ġeografika tax-xeni tad-delitti

Spiss ħafna, id-delitti internazzjonali l-aktar serji huma magħmula minn amalgamazzjoni ta' inċidenti differenti li jseħħu matul perijodu ta' żmien twil. Hemm it-tendenza li dawn iseħħu fuq żona ġeografika wiesgħa, li spiss tinkludi bosta rħula, bliet u reġjuni, u, xi kultant li jmorru lil hinn mill-fruntieri tal-Istati. Barra minn hekk, id-distanza ġeografika ta' żona ta' konflitt spiss tippreżenta diversi ostakoli. F'ċertu sitwazzjonijiet, huwa ferm diffiċli li jsir kuntatt ma' xhud jew vittma f'żoni milqutin mill-gwerer. L-identifikazzjoni, it-traċċar u l-istabbiliment ta' kuntatt ma' dawk l-individwi jikkostitwixxu implikazzjonijiet loġistiċi u finanzjarji sinifikanti u jimponu limitazzjonijiet sostanzjali għall-investigaturi jew il-prosekuturi li qed ifittxu li jressqu l-qorti lil min allegatament wettaq dawn id-delitti.

- Għadd kbir ta' persuni involuti

Mhux sorpriża li d-delitti ta' din l-iskala normalment jirriżultaw mill-involviment ta' għadd kbir persuni li jwettqu delitti. Dawn jistgħu jkunu atturi statali, bħall-militar, il-pulizija, uffiċjali statali jew ċivili, jew atturi mhux statali, bħall-gruppi paramilitari jew tal-milizja. Jista' jkun li dawn id-delitti twettqu fi ħdan 'strutturi organizzattivi kumplessi li ma jikkonformawx mal-mudell tal-organizzazzjonijiet ġerarkiċi tradizzjonali'.[52] Huwa ta' importanza estrema li wieħed jifhem liema atturi kienu involuti fit-twettiq ta' delitti sabiex tiġi ddeterminata l-parteċipazzjoni ta' persuna li allegatament wettqet id-delitt u l-pożizzjoni tagħha fl-istruttura kriminali. Minbarra li jinvolvu għadd kbir ta' persuni li jwettqu delitti, id-delitti internazzjonali l-aktar serji spiss jinvolvu għadd kbir kemm ta' vittmi kif ukoll ta' xhieda.

52 Pjan Strateġiku tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fi ħdan l-QKI 2012-2015, para 3.

- Delitti vjolenti ta' natura sesswali u sessista

L-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' vjolenza sesswali u ta' delitti sessisti jistgħu jkunu partikolarment diffiċli minħabba n-natura sensittiva tad-delitti u l-istigma soċjali marbuta magħha, il-mistħija u l-umiljazzjoni tal-vittmi u x-xhieda, in-natura privata tad-delitti, kemm hi kbira l-possibbiltà li l-vittma terġa tgħaddi mill-istess esperjenza u trawmatizzazzjoni ulterjuri matul il-proċess kriminali. S'issa, il-każijiet urew il-ħtieġa ta' investigaturi u prosekuturi kompetenti mħarrġa biżżejjed u li jkollhom għarfien biżżejjed biex jagħmlu mistoqsijiet xierqa u sensittivi bil-għan li jidentifikaw it-twettiq ta' delitti sesswali, u li jinkludu ċ-ċirkostanzi kollha tal-vjolenza sesswali li huma meħtieġa biex jiġi vverifikat jekk ikunux ġew sodisfatti l-elementi assoċjati mad-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra.[53]

b. *Ambjent fraġli u kkaratterizzat minn lakuna fil-liġijiet wara t-twettiq ta' delitt*

Id-delitti internazzjonali l-aktar serji jistgħu jitwettqu matul konflitt armat; b'riżultat tal-kollass tal-istat tad-dritt, ir-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili, fil-kuntest ta' diskriminazzjoni vjolenti jew persekuzzjoni, jew repressjoni politika u xenarji oħra. Tali kondizzjonijiet joħolqu ostakoli għall-investigazzjonijiet, li jistgħu jippersistu anke wara li jintemm il-konflitt jew il-kriżi.

- Gvern li mhux kapaċi jew m'għandux ir-rieda li jikkoopera

F'tali ambjenti, l-Istat fit-territorju fejn ikunu seħħew id-delitti ma jistax jikkoopera fl-investigazzjoni, speċjalment jekk l-uffiċjali tal-Istat ikunu qed jiġu investigati. Tali uffiċjali jistgħu joħolqu ostakoli politiċi jew legali biex ixekklu l-investigazzjonijiet. Pereżempju, jista' jkun li l-leġislazzjoni nazzjonali ma tkunx tippermetti tali investigazzjonijiet, il-liġijiet jistgħu jiġu manipulati mill-uffiċjali tal-gvern jew jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar fuq l-investigaturi. F'każijiet fejn il-gvern jikkoopera, jista' jkun hemm fatturi oħra li jxekklu l-investigazzjoni. Pereżempju, jista' jkun li l-Istat ma jkollux strutturi jew uffiċċji pubbliċi li jiffunzjonaw sew u b'mod effiċjenti, u b'hekk ma jkunx jista' jiżgura mezzi xierqa ta' kooperazzjoni u konsegwentement MLA bejn l-Istati.

[53] *Ara* Konklużjonijiet oħrajn tas-16-il Laqgħa tan-Netwerk Ewropew ta' Punti ta' Kuntatt għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal- ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra, 21-22 ta' Mejju 2014, L-Aja, il-Konklużjonijiet 5-8.

- Tħassib marbut mas-sikurezza

L-Istati li qed jiġu investigati jistgħu jkunu qed jesperjenzaw konflitt armat f'dak il-mument, jew, anke jekk ma jkun qed iseħħ l-ebda konflitt armat, jista' jkun estremament diffiċli jew perikoluż li jintlaħqu ċertu żoni bil-għan li tinġabar l-evidenza minħabba l-effetti devastanti tal-konflitt fuq l-infrastruttura tal-Istat, jew sempliċiment peress li jista' jkun il-każ li l-awtoritajiet tal-Istat ma jkollhomx kontroll fuq xi partijiet tat-territorju tiegħu. F'ċerti żoni jista' jkun hemm bombi, mini, jew forom oħra ta' munizzjonijiet li għadhom ma splodewx. Biex tiġi ggarantita s-sikurezza ta' persuni marbutin mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-proċess ta' persuni li allegatament wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji (investigaturi, prosekuturi, avukati tad-difiża, imħallfin, xhieda, vittmi, interpreti, u l-persuna/i li wettqu d-delitti) jinħtieġu tħejjija minn qabel u riżorsi. Passi kruċjali biex ir-riskji jitnaqqsu kemm jista' jkun huma l-ippjanar investigattiv komprensiv u l-valutazzjonijiet tat- theddid għas-sigurtà biex jiġu ddeterminati l-konsiderazzjonijiet marbutin mas-sikurezza għat-tmexxija ta' investigazzjoni.

- Identifikazzjoni tax-xhieda u l-vittmi

Ir-reġistri tal-popolazzjoni spiss jinqerdu, jintilfu, jiġu amministrati ħażin fi żmien ta' konflitt jew sempliċiment ma jkunux jeżistu. Barra minn hekk, bosta xhieda u vittmi, u spiss l-persuni stess li jwettqu d-delitti, jaħarbu mir-reġjun minħabba l-fraġilità tas-sitwazzjoni ta' sigurtà jew il-biża' ta' riperkussjonijiet. Dawn is-sitwazzjonijiet jippreżentaw ostakoli sinifikanti għall-identifikazzjoni u s-sejbien ta' xhieda u vittmi, biex jinżamm kuntatt magħhom, biex jinstabu l-konnessjonijiet bejniethom u dak li jorbothom max-xena tad-delitt. Xi awtoritajiet nazzjonali ppruvaw jinkoraġġixxu lil dawk il-vittmi u xhieda jidħlu fit-territorju tagħhom biex jirrapportaw l-esperjenzi tagħhom ta' delitti matul il-proċess ta' immigrazzjoni.[54] Sabiex ikun żgurat li l-investigazzjoni tad-delitt internazzjonali l-aktar serju ssir b'mod komprensiv, u li jiġu kkunsidrati d-dikjarazzjonijiet tal-partijiet kollha affettwati u l-evidenza kollha disponibbli, passi meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġu identifikati x-xhieda rilevanti huma l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati involuti, u b'mod partikolari bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, ltal-infurzar tal-liġi u dawk tal-prosekuzzjoni tal-Istati Membri.

[54] *Pereżempju,*uffiċjali tal-immigrazzjoni Ġermaniżi jitolbu lil dawk li jfittxu l-asil li ġejjin mis-Sirja biex jimlew formola li ssaqsi jekk huma kinux xhieda ta' xi delitti tal-gwerra, u, jekk iva, biex jipprovdu d-dettalji. *Ara* Human Rights Watch, 'The Long Arm of Justice: Lessons from specialised war crimes units in France, Germany and the Netherlands', Settembru 2014, p. 10, http://www.hrw.org/sites/default/files/reports/IJ0914_ForUpload.pdf.

- Sostenn u protezzjoni tal-vittmi u x-xhieda

L-awtoritajiet ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni jiffaċċjaw kwistjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' vittmi u xhieda, u għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipju *"primum non nocere"*. Jista' jkun li l-vittmi jew ix-xhieda jibżgħu mir-riperkussjonijiet jekk jixhdu kontra l-persuni li allegatament wettqu d-delitti.[55] Jista' jkun li l-persuni suspettati li għandhom influwenza sostanzjali fiż-żoni ta' konflitt jeżerċitaw pressjoni fuq il-persuni li jistgħu jixhdu kontrihom. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-vittmi u x-xhieda jirċievu appoġġ psikoloġiku adegwat biex ikunu protetti u ma jerġgħux jaqgħu vittma tal-istess esperjenza. Jista' jkun hemm sfidi ulterjuri marbutin mad-dipendenza fuq ix-xhieda ta' esperti kif ukoll fl-identifikazzjoni u s-sejbien ta' xhieda affidabbli u kredibbli. Minħabba raġunijiet loġistiċi jew raġunijiet oħra, ix-xhieda ġieli tingħata permezz ta' vidjokonferenza, li ma ġġorx l-istess vantaġġi bħal xhieda diretta. Barra minn hekk, huwa spiss diffiċli li tinżamm il-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni fil-qasam, minħabba n-natura ta' xi soċjetajiet jew minħabba li ma jkunx jista' jiġi evitat li persuna tingħaraf. Dawn il-problemi huma aggravati meta l-vittmi, ix-xhieda u/jew il-familji tagħhom ikunu qed jgħixu f'pajjiżi barra mill-Istati Membri. L-isfidi fl-għoti ta' protezzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu valutazzjoni komprensiva tar-riskji sa mill-bidu fl-investigazzjoni.

Minbarra l-għoti ta' appoġġ u protezzjoni lill-vittmi u lix-xhieda, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom obbligi oħra, bħal pereżempju li l-vittmi jitħallew jipparteċipaw fil-proċedimenti u li jipprovdu aċċess għal drittijiet oħra, bħar-rappreżentanza legali, il-protezzjoni u l-appoġġ, kif ukoll ir-riparazzjoni.[56] Madankollu, l-għoti ta' tali appoġġ jista' jkun problematiku, partikolarment fir-rigward ta' vittmi li jgħixu barra mill-pajjiż. L-għoti ta' appoġġ xieraq jista' jitlob li l-awtoritajiet jistabbilixxu strateġija ta' komunikazzjoni sa mill-bidu fil-każ u li joffru attivitajiet ta' komunikazzjoni fir-rigward ta' investigazzjonijiet u proċessi li jkunu għaddejjin f'dak il-perijodu, bil-għan li jinformaw lill-vittmi rigward il-proċessi u bid-drittijiet tagħhom u jinkoraġġixxuhom jikxfu dak li jafu.

---

55 *Pereżempju*, fil-każ ta' Mpambara, l-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi ġew ikkuntattjati minn xhud li rrapporta li kien qed iħossu mbeżża' wara li ġie avviċinat minn qraba tal-akkużat. *Ara* Human Rights Watch, 'The Long Arm of Justice: Lessons from specialised war crimes units in France, Germany and the Netherlands', Settembru 2014, p. -50, http://www.hrw.org/sites/default/files/reports/IJ0914_ForUpload.pdf.

56 *Ara* d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u d-Dokument ta' Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE, Diċembru 2013.

- Implikazzjonijiet taż-żmien

Fin-natura tagħhom, l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet jitwettqu wara li l-avvenimenti jseħħu, iżda fil-każ tad-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra, l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet jistgħu jseħħu wara bosta snin jew saħansitra deċennji. Normalment, id-delitti internazzjonali l-aktar serji ma jkunux preskritti skont il-liġi. Għal din ir-raġuni, il-proċedimenti jistgħu jseħħu dment li jibqgħu ħajjin il-persuni li jwettqu d-delitti. Madankollu, aktar ma jgħaddi ż-żmien bejn it-twettiq tad-delitt u l-investigazzjoni, id-diffikultajiet fil-ġbir ta' evidenza affidabbli jiżdiedu wkoll. Pereżempju, l-evidenza forensika tista' tintilef jew tiġi kkontaminata, l-arkivji jinqerdu u l-memorji tax-xhieda jistgħu jkunu aktar soġġetti għal żbalji.

c. *Natura tal-informazzjoni*

- Volum ta' informazzjoni u ġestjoni tal-każ

Minn naħa, l-investigaturi qed iħabbtu wiċċhom man-nuqqas ta' evidenza ċara u inkontestabbli minħabba diversi fatturi, bħaż-żmien li jkun għadda bejn it-twettiq tal-att u l-investigazzjoni marbuta miegħu, l-eżistenza ta' aktar minn persuna waħda li tkun wettqet ir-reat, jew in-nuqqas ta' rekordpereżempju ta' ordni li torbot lill-persuna li twettaq id-delitt max-xena tad-delitt. Min-naħa l-oħra, l-investigaturi jista' jkollhom jiffaċċjaw kwantità kbira ferm ta' informazzjoni potenzjalment rilevanti li tista' tkun ta' benefiċċju għall-investigazzjoni. Il-konsolidazzjoni u l-ġestjoni ta' ammonti kbar ta' informazzjoni jeħtieġu professjonisti, tradutturi u investigaturi ta' ħila, kif ukoll riżorsi amministrattivi u oħrajn disponibbli. L-investigaturi huma wkoll jiffaċċjaw diversi sorsi ta' informazzjoni li tista' tintuża bħala evidenza. Din l-informazzjoni tista' tkun: 1) pubblika, bħall-midja, l-internet (pereżempju YouTube, Facebook), rapporti ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi, NGOs u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra; 2) ristretta, bħal dik ġejja minn diversi servizzi ta' intelligence nazzjonali u internazzjonali; jew 3) dokumenti internazzjonali u nazzjonali b'aċċess ristrett, pereżempju minn investigazzjonijiet tal-pulizija jew servizzi tal-immigrazzjoni. Għalkemm l-informazzjoni pubblika u dik ristretta t-tnejn jistgħu jintużaw bħala sorsi ta' evidenza potenzjali għall-proċeduri tal-qorti, il-volum ta' din l-informazzjoni, kif ukoll il-ġestjoni u r-rieżami tagħha, jippreżentaw sfida għall-investigaturi u l-prosekuturi.

- Interpretazzjoni u traduzzjoni

Jista' jkun problematiku li jinstabu interpreti newtrali, disponibbli u affidabbli f'żona ta' konflitt. F'xi każijiet, il-lingwa mlissna mill-popolazzjoni lokali jew mill-partijiet involuti tista' tkun estremament rara jew tintuża esklużivament minn grupp wieħed involut fil-konflitt.[57] Barra minn hekk, minħabba l-kumplessità tal-fatti f'tali każijiet, jista' jkun meħtieġ li jiġi tradott volum kbir ta' dokumentazzjoni potenzjalment rilevanti.

- L-importanza ta' testimonjanzi tax-xhieda

Minħabba li min iwettaq id-delitti internazzjonali l-aktar serji spiss ma jħallux informazzjoni jew rekords dokumentarji traċċabbli, it-testimonjanzi tax-xhieda huma element importanti ħafna biex jinbena każ ta' suċċess kontra min iwettaq id-delitt. Madankollu, f'każijiet bħal dawn, l-investigaturi spiss jiffaċċjaw kwistjonijiet bħat-trawmatizzazzjoni tax-xhieda, it-tbagħbis jew il-vittimizzazzjoni mill-ġdid tax-xhieda, u l-kredibbiltà. L-għeja kbira tax-xhieda tista' wkoll toħloq problemi sinifikanti, b'mod partikolari jekk preċedentement, ix-xhieda kienu rrakkuntaw il-verżjoni tagħhom ħafna drabi u lil atturi differenti (ħaddiema umanitarji, NGOs, mezzi tal-komunikazzjoni, investigaturi internazzjonali, eċċ.). Barra minn hekk, ix-xhieda jistgħu jsofru minn telf tal-memorja jew konfużjoni minħabba li jibdew jitilfu l-memorja wara perijodu twil ta' żmien.[58] Bħala riżultat tal-kumplessitajiet li huma karatteristiċi tat-testimonjanza tax-xhieda u l-vittmi f'każijiet bħal dawn, l-investigaturi tad-delitti internazzjonali l-aktar serji għandu jkollhom it-taħriġ meħtieġ biex ikunu jistgħu iwettqu intervisti jew interrogazzjonijiet b'mod effettiv. Barra minn hekk, l-investigaturi għandhom jagħrfu l-ħtieġa li jesploraw forom oħra ta' evidenza, bħal evidenza dokumentarja jew forensika.

---

57 *Pereżempju*, fir-rigward tal-Gwerra bejn l-Eritrea u l-Etjopja, il-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ sabet quddiemha dikjarazzjonijiet li kienu għaddew minn erba' livelli ta' traduzzjoni. *Ara* 'Litigating War: Mass Civil Injury and the Eritrea-Ethiopia Claims Commission', Sean D. Murphy, Won Kidane, Thomas R. Snider, p. 86.

58 *Pereżempju,* l-Arġentina u l-Gwatemala reċentement bdew investigazzjonijiet dwar atroċitajiet tal-massa li twettqu fit-territorju tagħhom, minkejja l-fatt li l-atroċitajiet twettqu fis-snin tmenin. L-Istati Baltiċi qed jinvestigaw delitti li twettqu fis-snin ħamsin, fil-bidu tal-okkupazzjoni Sovjetika. Għadhom għaddejjin investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kemm fl-ICTY kif ukoll fil-qrati fuq livell nazzjonali għal delitti li twettqu f'dik li kienet il-Jugoslavja matul is-snin disgħin. Bl-istess mod, għadhom qed jitwettqu investigazzjonijiet u proċessi għal delitti li twettqu matul il-Ġenoċidju fir-Rwanda fl-1994.

*d. Sfidi loġistiċi*

- Għadd ta' investigazzjonijiet potenzjali u prijoritizzazzjoni

Is-sistemi kriminali nazzjonali tal-Istati Membri spiss jiffaċċjaw għadd sinifikanti ta' persuni li allegatament ikunu wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji. L-għadd insuffiċjenti ta' uffiċjali mħarrġa, ir-riżorsi inadegwati jew il-kapaċità amministrattiva limitata tista' xxekkel l-effikaċja ta' għadd kbir ta' investigazzjonijiet paralleli. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti spiss ikunu meħtieġa jipprijoritizzaw l-isforzi li jkunu għaddejjin f'dak il-perijodu u jiffokaw l-attenzjoni tagħhom fuq il-ftuħ ta' proċessi b'rabta ma' persuni suspettati li jista' jsir każ tajjeb kontrihom. Din il-prijoritizzazzjoni tista' tkun ibbażata fuq għadd ta' fatturi, bħar-riżorsi disponibbli u l-ammont ta' evidenza u l-informazzjoni rilevanti disponibbli.

- Post tax-xogħol

L-investigazzjonijiet spiss isiru fuq terren ġeografiku mhux familjari, sitwazzjoni li tista' tikkawża diversi ostakli loġistiċi. Sabiex iħejji vjaġġ tajjeb, investigatur tad-delitti internazzjonali l-aktar serji li twettqu fi Stat terz jeħtieġ li jkollu għarfien minn qabel tal-klima, il-kondizzjonijiet tat-temp, l-infrastruttura tat-toroq u problemi oħra ta' aċċessibbiltà li jista' jiltaqa' magħhom u li jifhem l-impatt li dawn il-fatturi jista' jkollhom fuq l-evidenza li tinġabar. Jistgħu jinħtieġu tħejjijiet intensivi għal investigazzjonijiet f'żoni mhux familjari, bħal titqib kontra mard, tagħmir elettriku speċjalizzat, u għodod speċjalizzati oħra.

- Kompetenza esperta speċifika

Il-proċessi ta' persuni suspettati li wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji jeħtieġu fehim ġenerali tal-oqsma addizzjonali ta' kompetenza esperta flimkien mal-qafas legali applikabbli. Kemm it-timijiet tal-prosekuzzjoni kif ukoll dawk tad-difiża ġeneralment iressqu xhieda esperti biex jagħtu testimonjanza dwar l-elementi speċifiċi ta' konflitt partikolari. Jeħtieġ li kemm l-investigaturi, il-prosekuturi kif ukoll l-imħallfin ikunu familjari ma' oqsma rilevanti oħra, bħall-organizzazzjoni u l-istrutturi militari, l-operazzjonijiet u diversi tipi ta' armi, mini jew munizzjon, il-ballistika u l-forensika, kif ukoll il-fatturi ġeopolitiċi u soċjokulturali li għandhom rwol fl-iżvilupp ta' konlitti vjolenti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess għal għarfien espert fl-oqsma tal-pulizija, is-sigurtà, il-politika u l-istorja fir-rigward tal-Istati li fih seħħ id-delitt.

- Soċjetà

Il-popolazzjoni lokali fiż-żona tal-konflitt fejn ikunu twettqu d-delitti spiss tirrappreżenta kultura, sett ta' valuri jew xejriet ta' mġiba li huma differenti jew mhux familjari. Barra minn dan, id-delitti internazzjonali l-aktar serji spiss jitwettqu minn jew kontra atturi li jagħmlu parti minn gruppi differenti b'fehmiet politiċi jew ekonomiċi kontrastanti u karatteristiċi kulturali, etniċi u storiċi differenti. L-investigaturi, il-prosekuturi u l-imħallfin bl-istess mod jeħtieġ li jkolhom fehim ġenwin ta' dan it-tip ta' fatturi tas-soċjetà biex jiġi żgurat trattament sikur u adatt ta' tali każijiet.

- Nuqqas ta' strumenti għal kooperazzjoni ġudizzjarja

L-investigaturi u l-prosekuturi spiss jiffaċċjaw nuqqas ta' strumenti ġudizzjarji u konsegwentement, in-nuqqas ta' bażi legali għal MLA u estradizzjoni fil-konfront ta' Stati terzi. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-iktar l-iktar li jistgħu jagħmlu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huwa li jiddependu fuq ftehimiet ta' kooperazzjoni *ad hoc* (li jiddependu ħafna fuq ir-rieda politika ta' Stati barranin u investiment sinifikanti ta' ħin u riżorsi), jew, fl-agħar xenarju possibbli, ma jkunu jistgħu jikooperaw bl-ebda mod.

### 1.3.2 Kumplessità ġuridika

- Elementi kuntestwali

Flimkien mal-istabbiliment tal-elementi oġġettivi (*actus reus*) u soġġettivi (*mens rea*) tad-delitt internazzjonali l-aktar serju, jeħtieġ ukoll li tiġi pprovduta evidenza ta' elementi kuntestwali speċifiċi.[59] Pereżempju, sabiex jiġi ppruvat li twettqu delitti kontra l-umanità, għandha tiġi pprovduta evidenza li d-delitti kienu parti minn attakk mifrux jew sistematiku kontra l-popolazzjoni ċivili, waqt li għal delitti tal-gwerra, għandha tiġi pprovduta evidenza li turi li d-delitt twettaq fil-kuntest ta' konflitt armat internazzjonali jew mhux internazzjonali.

59 *Ara* fir-rigward tad-delitti elenkati fl-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, Elements of Crimes of the International Criminal Court, ICC-ASP/1/3 at 108, U.N. Dok. PCNICC/2000/1/Add.2 (2000).

- Implimentazzjoni effettiva

Skont il-prinċipju ta' komplementarjetà stabbilit fl-Istatut ta' Ruma, l-Istati Partijiet jingħataw il-ġurisdizzjoni primarja biex issir investigazzjoni u jinfetħu proċeduri kontra persuni suspettati li wettqu d-delitt tal-ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra. Kif diġà ġie diskuss, din ir-responsabbiltà tal-Istati kollha li jressqu lil min iwettaq id-delitti internazzjonali l-aktar serji għal proċess tirriżulta minn sett ta' obbligi internazzjonali li huma usa' minn dawk stabbiliti fl-Istatut ta' Ruma. Madankollu, il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' komplementarjetà jeħtieġ implimentazzjoni adatta tal-obbligi taħt l-Istatut ta' Ruma sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu imexxu proċessi f'konformità ma' normi stabbiliti tad-dritt kriminali internazzjonali. Fil-prattika, il-komplementarjetà tfisser li l-Istati Partijiet għandhom mhux biss jikkriminalizzaw id-delitti tal-Istatut ta' Ruma bħala delitti skont id-dritt nazzjonali, iżda wkoll jiżguraw li huma jimplimentaw b'mod adatt kunċetti bħall-bħall-kmand u r-responsabbiltà superjuri, u jipprevedu r-regoli rilevanti dwar il-ġurisdizzjoni, il-pieni, l-immunità mill-ġurisdizzjoni, u l-preskrizzjoni, f'konformità mad-dritt internazzjonali. L-implimentazzjoni nazzjonali ta' normi tad-dritt internazzjonali kultant ma tkunx adegwata biex tissodisfa l-obbligi internazzjonali, u b'hekk jiġi mxekkel ir-rispett għall-obbligi kollha tal-Istat fir-rigward tal-kooperazzjoni f'materji kriminali jew l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni.

- Immunitajiet internazzjonali

Ċerti uffiċjali pubbliċi, bħall-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, il-Ministeri tal-Affarijiet Barranin, diplomatiċi akkreditati, persunal ta' organizzazzjonijiet internazzjonali[60] u membri ta' missjonijiet uffiċjali jista' jkollhom immunità mill-ġurisdizzjoni kriminali f'ċirkostanzi partikolari.[61] Fejn jeżistu tensjonijiet possibbli bejn l-immunità u r-responsabbiltà kriminali individwali, l-awtoritajiet ta' assistenza investigattiva, tal-prosekuzzjoni u legali għandhom jaqdu r--rwol tagħhom u jiżguraw li r-regoli dwar l-immunità internazzjonali jiġu applikati b'mod adatt, u b'hekk jiġi żgurat li persuni li jgawdu minn immunità mill-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni kriminali nazzjonali ma jiġux arrestati jew

60 *Ara* l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, 1 U.N.T.S. 15, 13 ta' Frar 1946, l-Artikoli V-VII.

61 *Ara* l-Każ li jikkonċerna l-Mandat ta' Arrest tal-11 ta' April 2000 (Repubblika Demokratika tal-Kongo vs il-Belġju), 2002 Q.I.Ġ. Madankollu, din l-immunità ma tibqax teżisti ladarba l-persuna ma tkunx għadha twettaq waħda mill-funzjonijiet msemmija hawn fuq. *Ara wkoll* id-Deċiżjoni tal-Qorti Kriminali Federali Svizzera, 25 ta' Lulju 2012, disponibbli fuq: http://www.trial-ch.org/en/activities/litigation/trials-cases-in-switzerland/khaled-nezzar-algeria-2011.html. *Ara* wkoll il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, 1 U.N.T.S. 15, 13 ta' Frar 1946, l-Artikoli V-VII.

miżmuma b'mod illegali, u bil-kontra li l-immunità ma tintużax ħażin għall-protezzjoni indebita ta' individwi milli jinżammu responsabbli b'mod kriminali għat-twettiq tad-delitti l-aktar serji.[62]

It-twettiq tad-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra ma jistax jiġi aċċettat bħala parti minn kwalunkwe dmir uffiċjali. Minħabba n-nuqqas ta' ċarezza fil-livell nazzjonali u deċiżjonijiet differenti f'sitwazzjonijiet simili, il-kwistjoni ta' regoli internazzjonali dwar l-immunità tippreżenta qasam ta' inċertezza u nuqqas ta' prevedibbiltà legali. L-istatus ta' immunità għal ċerti uffiċjali pubbliċi għad-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra għadu mhuwiex definit tajjeb ħafna.

- L-istabbiliment ta' rabta fir-rigward tal-persuna li allegatament wettqet id-delitt

Pass importanti lejn l-istabbiliment ta' responsabbiltà kriminali individwali għal persuni li kienu involuti fid-delitt internazzjonali l-aktar serju huwa li tiġi ppruvata r-rabta bejn il-persuna li allegatament wettqet id-delitt u x-xena tad-delitt. Minbarra t-twettiq dirett tad-delitt, id-dritt kriminali internazzjonali jirrikonoxxi metodi oħra ta' responsabbiltà kriminali għad-delitti internazzjonali l-aktar serji. Għalhekk, ir-responsabbiltà għal delitti bħal dawn tista' toħroġ kemm mit-twettiq dirett ta' att partikolari kif ukoll minn metodi differenti ta' parteċipazzjoni indiretta u dan jiddependi fuq is-sistema nazzjonali tal-ġustizzja kriminali tal-Istat li qed jinvestiga u jmexxi l-prosekuzzjoni tad-delitt. Id-distanza bejn il-persuna li ppjanat jew ordnat li jitwettaq tali delitt u l-post fejn fil-fatt twettqu d-delitti jirriżulta f'għadd ta' sfidi kemm għall-investigaturi kif ukoll għall-prosekuturi. L-eżistenza ta' pożizzjoni *de facto* ta' superjorità li mhijiexsostanzjata minn rekords jew evidenza oħra hija problema oħra li jiffaċċjaw is-sistemi tal-ġustizzja, minħabba li fil-gwerer moderni l-katina tal-kmand tista', b'mod simultanju, tkun f'idejn l-istrutturi amministrattivi, dawk politiċi, dawk tal-infurzar tal-liġi u dawk militari.

- Sorsi differenti ta' liġi

Minbarra r-regoli li jinsabu f'kodiċijiet kriminali nazzjonali, jeħtieġ li l-investigaturi, il-prosekuturi u l-imħallfin josservaw sorsi oħra ta' liġi, bħar-regoli kriminali internazzjonali, inkluż kemm it-trattati kif ukoll id-dritt konsewetudinarju, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll diversi sorsi sekondarji, bħall-ġurisprudenza tal-qrati f'ġurisdizzjonijiet oħrajn, il-ġurisprudenza tal-qrati internazzjonali (bħat-Tribunal Kriminali Internazzjonali *ad hoc* għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY); it-Tribunal Kriminali Internazzjonali għar-Rwanda (ICTR); il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ), il-QKI, u d-duttrina. Għalhekk, biex jinbena każ li jkollu suċċess jeħtieġ għarfien vast ta' dawk is-sorsi u l-applikazzjoni tagħhom, kemm f'rabta ma' konflitt armat internazzjonali jew b'rabta ma' konflitt armat intern, u l-awtoritajiet ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni għandu jkollhom livell tajjeb ħafna ta' kompetenza esperta fuq livell nazzjonali.

---

62 In-Netwerk iddiskuta l-kwistjoni tar-regoli internazzjonali relatati mal-immunità internazzjonali u l-prattiki nazzjonali f'dan ir-rigward fl-erbatax-il laqgħa, li saret fis-17 u t-18 ta' April 2013.

IT-TIENI KAPITOLU: IMPENN FAVUR IL-ĠLIEDA KONTRA L-IMPUNITÀ FI ĦDAN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA

# 2.

## 2.1 Fil-livell tal-UE

L-UE hija bbażata fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt, inkluż il-ħtieġa li tintemm il-kultura ta' impunità u li jiġu investigati u jinfetħu proċeduri b'rabta ma' persuni li jkunu responsabbli li wettqu id-delitt ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra.

L-UE tat prova tad-dedikazzjoni bis-sħiħ tagħha għal azzjonijiet esterni f'dan il-qasam, b'mod partikolari permezz tal-kooperazzjoni tagħha mal-QKI;[63] il-politika tal-Unjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem;[64] u d-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal tal-2013 dwar l-avvanz tal-Prinċipju ta' Komplementarjetà.[65] Madankollu, dawn id-dokumenti jippromwovu l-kontinwità tal-ġlieda kontra l-impunità fil-livell internazzjonali, u jiffokaw fuq Stati terzi, waqt li tingħata inqas attenzjoni lid-dimensjoni interna tal-politika tal-UE. L-UE wriet l-impenn tagħha fit-trattament ta' dawn id-delitti internament permezz tal-istabbiliment tan-Netwerk fl-2002[66] u s-Segretarjat tan-Netwerk fl-2011.[67] Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/ĠAI appellat lill-Istati Membri biex iżidu l-kooperazzjoni bejn l-unitajiet nazzjonali, biex b'hekk isir l-aħjar użu mill-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri differenti biex jikkooperaw b'mod effettiv fil-qasam tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawk li allegatament wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji.[68] L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq tiddetermina li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi dwar dawk li allegatament wettqu delitt u biex jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u tal-immigrazzjoni.

---

63 *Ara*, *pereżempju*, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali, ĠU L 76/56 tat-22 ta' Marzu 2011, u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha tat-12 ta' Lulju 2011 (Dokument tal-Kunsill 12080/11).

64 *Ara*, pereżempju, il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, I*d-Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija fil-Qalba tal-Azzjoni Esterna tal-UE – Lejn approċċ aktar effettiv*, COM (2011) 886, p. 16; il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-25 ta' Ġunju 2012 (dokument tal-Kunsill 11855/12); id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/440/PESK tal-25 ta' Lulju 2012 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, ĠU L 200/21 tas-27 ta' Lulju 2012.

65 SWD(2013) 26 tal-31 ta' Jannar 2013.

66 Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/494/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002, ĠU L 167/1 tas-26 ta' Ġunju 2002.

67 L-Artikolu 25a tad-Deċiżjoni tal-Eurojust, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008, ĠU L 138/14 tal-4 ta' Ġunju 2009.

68 Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/ĠAI tat-8 ta' Mejju 2003, ĠU L 118/12 tal-14 ta' Mejju 2003.

Barra minn hekk, l-UE enfasizzat l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, Stati terzi u t-tribunali internazzjonali, flimkien mal-importanza tal-konsistenza u l-koerenza fl-istrumenti u l-politiki tagħha.

Fil-Programm ta' Stokkolma, il-Kunsill Ewropew stieden lill-istituzzjonijiet tal-UE:

> *ikomplu jappoġġaw u jippromwovu l-attività tal-Unjoni u tal-Istati Membri kontra l-impunità u fil-ġlieda kontra reati ta' ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra; f'dak il-kuntest, jippromwovu l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri, pajjiżi terzi u t-tribunali internazzjonali f'dan il-qasam, u b'mod partikolari l-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC), u jiżviluppaw skambju ta' informazzjoni ġudizzjarja u tal-aħjar prattika fir-rigward tal-prosekuzzjoni ta' reati bħal dawn fin-Netwerk Ewropew ta' Punti ta' Kuntatt, fir-rigward ta' persuni responsabbli għal reati ta' ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra.*[69]

Barra minn hekk, l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK:

> *jimpenja lill-UE biex tiżgura li jkun hemm konsistenza u koerenza bejn l-istrumenti kollha tagħha u l-politiki kollha tagħha f'materji li jikkonċernaw id-delitti internazzjonali u l-ġurisdizzjoni tal-QKI. Essenzjalment, permezz ta' dan, id-Deċiżjoni teħtieġ li l-Unjoni Ewropea tiżgura li jkun hemm konsistenza u koerenza mhux biss fl-azzjoni esterna tagħha, iżda wkoll fir-rigward tal-miżuri interni tagħha.*[70]

L-isforzi ulterjuri biex jissaħħaħ l-aspett intern tal-politika thal-UE fil-ġlieda kontra l-impunità ser jiżguraw il-kredibbiltà u n-natura komprensiva tad-dimensjoni esterna tagħha u tal-politika tal-ġustizzja transizzjonali tagħha.

---

[69] ĠU C 115/1 tal-4 ta' Mejju 2010, p. 8.
[70] L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK.

### 2.1.1 Ir-rwol tan-Netwerk

In-Netwerk ġie stabbilit biex jiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra. L-ewwel laqgħa tiegħu saret f'Novembru 2004, għalkemm is-Segretarjat tan-Netwerk ġie stabbilit biss fl-2011. Attwalment in-Netwerk huwa l-uniku korp fl-UE bil-mandat li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri u jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom fil-ġlieda kontra l-impunità għal dawk li jwettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji, u għalhekk għandu rwol importanti biex jiżgura l-impenn tal-UE fil-ġlieda kontra l-impunità fix-xena interna.

L-awtoritajiet nazzjonali huma rrappreżentati fin-Netwerk permezz tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali - prosekuturi, investigaturi, u awtoritajiet tal-MLA li jitrattaw l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali mill-Istati Membri u l-kontropartijiet tagħhom mill-Kanada, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika, in-Netwerk tikkollabora wkoll mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, l-Eurojust, il-QKI u t-tribunali kriminali internazzjonali *ad hoc*, il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, l-Interpol, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Il-laqgħat li jsiru darbtejn fis-sena jippermettu li l-professjonisti jiskambjaw informazzjoni operazzjonali, għarfien, tekniki biex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi u eżempji prattiċi. Il-laqgħat jinqasmu f'żewġ sessjonijiet.

Is-sessjoni miftuħa tinvolvi n-Netwerk estiż, bil-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali u rappreżentanti oħra kif deskritt hawn fuq. Is-sessjoni magħluqa ssir biss għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali u l-kontropartijiet tagħhom minn Stati Osservaturi, u b'hekk jinħoloq ambjent kunfidenzjali għall-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali dwar investigazzjonijiet li għaddejjin u talbiet għall-estradizzjoni relatati mad-delitti internazzjonali serji. Is-sessjoni magħluqa tgħin biex tinbena l-fiduċja u l-kooperazzjoni reċiproka bejn l-investigaturi u l-prosekuturi mill-Istati Membri kollha kif ukoll bejn il-professjonisti u r-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet oħra li jaħdmu f'dan il-qasam. Barra minn hekk, il-Membri tan-Netwerk jibbenefikaw mill-parti mhux pubblika tas-sit tal-internet tiegħu, l-hekk imsejħa Żona Ristretta, li sservi bħala pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aċċess għal dokumenti li huma pertinenti għall-mandat tan-Netwerk.

Bħala riżultat tal-laqgħat, in-Netwerk żviluppa korp ta' għarfien dwar kwistjonijiet pressanti relatati mal-qasam tal-kompetenza tiegħu. In-Netwerk u s-Segretarjat tiegħu sussegwentement ipproduċew dokumenti magħmulin minn esperti dwar għadd ta' suġġetti, bħall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, l-infurzar tal-liġi u s-servizzi tal-prosekuzzjoni; il-protezzjoni u l-appoġġ tax-xhieda; u r-responsabbiltà kriminali ta' persuni ġuridiċi. Bħala pjattaforma għall-professjonisti, in-Netwerk huwa ddedikat biex jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali billi jwieġeb għal mistoqsijiet prattiċi u legali rigward l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji li fuqhom għandhom ġurisidizzjoni l-Istati Membri, irrispettivament minn fejn twettqu dawn id-delitti. Minkejja r-riżorsi limitati tiegħu, in-Netwerk stabbilixxa ruħu bħala punt fokali għall-ġlieda kontra l-impunità fl-UE u jinsab f'pożizzjoni li jaġixxi bħala mudell tal-aħjar prassi għall-iżvilupp ta' netwerks simili f'reġjuni oħra. F'dan ir-rigward, in-Netwerk diġà serva ta' mudell għall-iżvilupp ta' netwerk tal-Unjoni Afrikana ta' prosekuturi speċjalizzati dwar id-delitti intenzjonali l-aktar serji, u b'appoġġ suffiċjenti jista' jibqa' jaġixxi bħala mudell għal netwerks reġjonali fil-futur. Fil-futur, jista' jkun dejjem aktar importanti li n-netwerks Afrikani u tal-UE jaħdmu mill-qrib, jiskambjaw informazzjoni u jindirizzaw kwistjonijiet ta' interess komuni.

## 2.2 Fil-livell tal-Istati Membri[71]







Fi snin reċenti, sar progress sinifikanti biex persuni li wettqu reat jitressqu quddiem il-ġustizzja, permezz ta' inizjattivi minn uħud mill-Istati Membri biex jistabbilixxu timijiet speċjalizzati ta' pulizija, prosekuturi u uffiċċjali tal-MLA. Unitajiet dedikati fit-trattament tad-delitti internazzjonali l-aktar serji ġew stabbiliti fi ħdan is-servizzi tal-pulizija u/jew tal-prosekuzzjoni fil-Belġju,

[71] Intbagħat kwestjonarju lill-punti ta' kuntatt tan-Netwerk biex jiġbru ċifri aġġornati relatati kemm man-numru ta' persunal speċjalizzat f'delitti internazzjonali f'dipartimenti differenti fi ħdan l-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll dwar in-numru ta' prosekuzzjonijiet u investigazzjonijiet fl-Istati Membri. It-tweġibiet inġabru mis-Segretarjat tan-Netwerk u huma ppreżentati fit-tabelli t'hawn taħt.

il-Kroazja, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju Unit u l-Isvezja.[72] Hemm ukoll unitajiet dedikati fin-Norveġja, l-Isvizzera, il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika, li jipparteċipaw bħala stati osservaturi fin-Netwerk. Fi Stati Membri oħra, bħall-Finlandja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Latvja, persunal speċjalizzat jaħdem fuq id-delitti internazzjonali l-aktar serji, għalkemm mhux f'unità ddedikata għall-ġlieda kontra d-delitti tal-gwerra. Barra minn hekk, uħud mill-membri tal-persunal tal-Istati Membri ma jaħdmux esklużivament fuq id-delitti internazzjonali l-aktar serji, iżda xorta għandhom għarfien speċjalizzat dwar dawn id-delitti. Persunal iddedikat b'għarfien speċjalizzat huwa ta' benefiċċju kbir għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji. Inkiseb titjib ulterjuri permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-aħjar prassi, l-esperjenza u l-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni permezz tan-Netwerk, u dan irriżulta fil-prosekuzzjoni b'suċċess ta' ħafna persuni li wettqu id-delitt tal-ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u d-delitt tat-tortura f'ċerti Stati Membri.




[72] Għal ħarsa ġenerali aktar komprensiva lejn l-prattika ta' unitajiet speċjalizzati fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar- delitti internazzjonali l-aktar serji, *ara* 'Strategies for the effective investigation and prosecution of serious international crimes: The Practice of Specialised War Crimes Units', REDRESS u International Federation for Human Rights, disponibbli fuq is-sit: http://www.redress.org/downloads/publications/The_Practice_of_Specialised_War_Crimes_Units_Dec_2010.pdf.

## *Unitajiet dedikati u n-numru ta' membri tal-persunal fis-servizzi differenti*

| | Unità Speċjalizzata kontra d-Delitti tal-Gwerra | Infurzar tal-liġi | Prosekuzzjoni | Servizzi oħra (uffiċjali tal-Ministeri tal-Affarijiet Barranin, tal-MLA, uffiċjali tal-immigrazzjoni) |
|---|---|---|---|---|
| L-Awstrija | | 0 | 0 | 0 |
| Il-Belġju | ✓ | 5* | 4* | 4 MLA |
| Il-Bulgarija | | 0 | 0 | 0 |
| Il-Kroazja | ✓ | Informazzjoni ristretta | 36 + prosekuturi fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | 11* |
| Ċipru | | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Repubblika Ċeka | | 0 | 0 | 0 |
| Id-Danimarka | ✓ | 5* | 3* | 3* |
| L-Estonja | | 0 | 0 | 0 |
| Il-Finlandja | | 2* | 1* | 0 |
| Franza | ✓ | 10 | 2 + 3 imħallfin b'kapaċità investigattiva | |
| Il-Ġermanja | ✓ | 10 + 16* | 7 | 24* |
| Il-Greċja | | 0 | 0 | 0 |
| L-Ungerija | | 0 | 0 | 0 |
| L-Irlanda | | 0 | 0 | 0 |
| L-Italja | | 0 | 0 | 0 |
| Il-Latvja | | 0 | 1 | 0 |
| Il-Litwanja | | 0 | 18* | 0 |
| Il-Lussemburgu | | 0 | 0 | 0 |
| Malta | | 0 | 0 | 0 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | ✓ | 25-30 | 5.5 | 1 MLA<br>25 1F persunal tal-immigrazzjoni |
| Il-Polonja | ✓[73] | 0 | 87 prosekutur (+11-il studjuż tal-istorja) | 0 |
| Il-Portugall | | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Rumanija | | 0 | 0 | 0 |
| Is-Slovakkja | | 0 | 0 | 0 |
| Is-Slovenja | | 0 | 0 | 0 |

[73] L-Istitut Pollakk tal-Kommemorazzjoni Nazzjonali - Il-Kummissjoni għall-Prosekuzzjoni ta' delitti kontra n-Nazzjon Pollakk (bħala unità ta' prosekuzzoni) qed twettaq investigazzjonijiet rigward delitti Nażisti u Komunisti, u delitti oħra li huma kklassifikati bħala ġenoċidju, delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità li twettqu kontra ċittadini Pollakki fil-perijodu bejn Settembru 1939 u Lulju 1990. Id-delitti l-oħra kollha li huma klassifikati bħala ġenoċidju, delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità qed jiġu ttrattati mill-Uffiċċji tal-Prosekutur Pubbliku.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Spanja | | 0 | 0 | 0 |
| L-Isvezja | ✓ | 8 | 6 | 0 |
| Ir-Renju Unit | ✓ | 20 | 13 | 8 |
| In-Norveġja | ✓ | 14 | 6 | |
| L-Istati Uniti tal-Amerika | ✓ | 10 | 11 | |
| Il-Kanada | ✓ | 9* | 30 | 50* |
| L-Isvizzera | ✓ | 0 | 4* | 0 |

**persunal semi-dedikat - jiġifieri involut ukoll fit-trattament ta' delitti oħra.*

### 2.2.1 Riżultati fil-livell tal-Istat Membr u l-membri tan-Netwerk




Il-kisbiet tal-Istati Membri li jressqu lil min iwettaq reat quddiem il-ġustizzja huma impressjonanti, meta wieħed jikkunsidra l-attenzjoni u r-riżorsi limitati li ġew investiti fil-prosekuzzjoni ta' dan it-tip ta' delitt mill-aspett domestiku. Għall-Istati Membri li mhumiex qed jiftħu proċeduri fuq il-prinċipju ta' ġurisdizzjoni territorjali, il-benefiċċji ta' unitajiet speċjalizzati huma ferm aktar ovvji. Il-motivazzjoni u l-impenn personali ta' individwi li jaħdmu f'dan il-qasam spiss sebqu r-riżorsi disponibbli u n-nuqqas ta' prijorità għal dawn id-delitti. S'issa l-Istati Membri kkonkludew total ta' 1 607 każ fir-rigward tad-delitti internazzjonali l-aktar serji u attwalment qed jinvestigaw 1 339 każ ieħor minn madwar id-dinja kollha.

Iċ-ċifri ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt juru in-numru ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet għad-delitti internazzjonali l-aktar serji b'rabta ma' perijodi ta' żmien differenti skont id-data disponibbli f'kull Stat Membru. Il-perijodu ta' żmien ġenerali għad-data kien mill-2002 'il quddiem; madankollu, minħabba varjazzjonijiet fid-dokumentazzjoni u l-arkivjar ta' każijiet kif ukoll id-differenzi fl-implimentazzjoni tad-dritt internazzjonali fil-leġislazzjoni nazzjonali, jintużaw ukoll perijodi ta' żmien oħra. Fir-rigward ta' talbiet għall-estradizzjoni, ġeneralment ikun meħtieġ li l-Istati Membri jerġgħu janalizzaw dawn il-każijiet skont il-prinċipju ta' *aut dedere aut judicare* u konsegwentement jikkunsidraw kwistjonijiet sostantivi, proċedurali u ta' ġurisdizzjoni.

| Każijiet fl-Istati Membri tal-UE | |
|---|---|
| Każijiet ikkompletati | 1607 |
| Każijiet li għaddejjin bħalissa | 1339 |

In-numru relattivament kbir ta' każijiet li ngħalqu qabel il-proċess huwa r-riżultat tal-problemi inerenti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji. Waqt li jenfasizza d-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-awtoritajiet nazzjonali, dan in-numru jenfasizza wkoll il-kisba sinifikanti li tidher miċ-ċifra attwali ta' 1 607 każijiet ikkompletati.



## *Investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet*

| Stat | Perijodu ta' żmien (jekk mhux mill-2002 'il quddiem) | Numru ta' persuni kkundannati/illiberati | Numru ta' persuni suspettati akkużati/li qegħdin jiġu investigati jew li tressqu l-qorti attwalment | Numru ta' każijiet li ngħalqu qabel il-proċess | Talbiet li waslu għall-estradizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Awstrija | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Belġju[74] | | 10 | 103 | 88 | 25 |
| Il-Bulgarija | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Kroazja | 1991-Diċ 2013 | 1365 | 854 | 1265 | Data mhux disponibbli |
| Ċipru | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Repubblika Ċeka | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Id-Danimarka | Mill-1995 | 3 | 8 | 254 | 5 |
| L-Estonja | Mill-1995 | 29 | 1 | 15 | 0 |
| Il-Finlandja | | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Franza | | 1 | 51 | 11 | Data mhux disponibbli |
| Il-Ġermanja | 1988-2002 | 4 | | 108 | Data mhux disponibbli |
| | 2002-2014 | 1 | 37 | 13 | 19 |
| Il-Greċja | | 0 | 1 | 0 | 0 |
| L-Ungerija | | 0 | 1 | 3 | Data mhux disponibbli |
| L-Irlanda | | 0 | 0 | 0 | 6 |
| L-Italja | | 0 | 0 | 0 | 1 |
| Il-Latvja | | 0 | 5 | 0 | 0 |
| Il-Litwanja | Mill-2011 | 20 | 105 | 53 | 0 |
| Il-Lussemburgu | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Malta | | 0 | 0 | 0 | 0 |

74 In-numri huma relatati mal-każijiet u mhux mal-persuni suspettati, waqt li n-numri ta' talbiet li waslu għall-estradizzjoni ma jinkludux talbiet minn ġurisdizzjonijiet kriminali internazzjonali.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | | 7 | 27 | 8 | 9 |
| Il-Polonja | Mill-2000 | 158 | 93 | 9285 | 1 |
| Il-Portugall | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ir-Rumanija | Mill-2013 'il quddiem | 2 | 2 | 0 | 0 |
| Is-Slovakkja | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Is-Slovenja | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Spanja | | 1 | 0 | 5 | 40 |
| L-Isvezja | | 5 | 26 | | Bejn 3 u 8 każijiet |
| Ir-Renju Unit | 2012- 2014 | 0 | 26 | 18 | 6 |
| In-Norveġja | | 1 | 4 | 17 | 5 |
| L-Istati Uniti tal-Amerika[75] | 2003-2013 | 56 | 174 | | Data mhux disponibbli |
| Il-Kanada | | 3 | 11 | 10 | 9 |
| L-Isvizzera | | 1 | 8 | 12 | 5 fis-sena |
| L-Istati Osservaturi kollha | | 61 | 197 | 39 | 19 |
| L-UE kollha | | 1607 | 1339 | 11123 | 118 |
| In-Netwerk kollu (l-UE flimkien mal-Istati Osservaturi) | | 1668 | 1536 | 11162 | 137 |

75 Fl-Istati Uniti tal-Amerika, l-istatuti kriminali għad-delitti internazzjonali l-aktar serji saru effettivi fi żminijiet differenti (pereżempju, id-delitt tat-tortura sar effettiv fl-1994, id-delitti tal-gwerra fl-1996, ir-reklutaġġ ta' suldati tfal fl-2008, eċċ.). F'każijiet fejn il-ksur seħħ qabel ma sar effettiv l-istatut kriminali, l-awtoritajiet fetħu proċedimenti kriminali għal frodi b'rabta mal-immigrazzjoni, fost akkużi applikabbli oħra, biex jiftħu proċeduri kontra min iwettaq delitt.

## KAPITOLU TLIETA: SETT TA' MIŻURI B'APPOĠĠ GĦALL- INVESTIGAZZJONIJIET U L-PROSEKUZZJONIJIET TAD-DELITTI INTERNAZZJONALI L-AKTAR SERJI FUQ LIVELL NAZZJONALI

Il-miżuri inklużi f'din l-istrateġija jidderivaw minn eżami bir-reqqa ta' miżuri u politiki li huma diġà fis-seħħ f'diversi Stati Membri. Huma magħmulin mill-aħjar prassi, rakkomandazzjonijiet minn laqgħat tan-Netwerk fil-passat, il-ħidma ta' grupp ta' esperti, u konsultazzjonijiet estensivi ma' sħab, il-QKI, l-akkademiċi, is-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra. Huma mhumiex ippreżentati fl-ordni ta' prijorità. Pjuttost, in-Netwerk jgħid li dawn il-miżuri huma komplementari u, bħala tali, l-Istati Membri u l-UE għandhom jikkunsidraw dawn il-miżuri kollha meta jistabbilixxu qafas effettiv għall-ġlieda kontra l-impunità.

In-Netwerk jenfasizza ulterjorment li l-miżuri enfasizzati f'din l-Istrateġija mhumiex lista eżawrjenti ta' miżuri li l-UE u l-Istati Membri għandhom jieħdu biex jiġġieldu l-impunità b'mod effettiv. Il-kumplessitajiet ġuridiċi u relatati mal-fatti involuti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji ser jeħtieġu li l-Istati Membri jieħdu miżuri addizzjonali biex jirriflettu ċ-ċirkostanzi ta' każijiet speċifiċi. Minħabba li din l-Istrateġija ser tiġi evalwata regolarment, miżuri oħra mhux enfasizzati hawnhekk jistgħu għalhekk jiġu inklużi f'verżjonijiet futuri tal-Istrateġija.

### Miżura 1: L-istabbiliment, l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' unitajiet speċjalizzati

**__Kuntest__:** F'għadd ta' pajjiżi, diġà ġew stabbiliti unitajiet dedikati jew speċjalizzati, li jitrattaw esklużivament każijiet marbutin mad-delitti internazzjonali l-aktar serji. Fost l-Istati Membri, il-Pajjiżi l-Baxxi, id-Danimarka, il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Isvezja, ir-Renju Unit u l-Kroazja għandhom unitajiet bħal dawn fi ħdan l-awtoritajiet ta' investigazzjoni u/jew ta' prosekuzzjoni tagħhom. Ix-xewqa li jinħolqu strutturi bħal dawn ġiet indikata wkoll mill-Kunsill, li ddikjara li l-Istati Membri għandhom:

> *jiżguraw illi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni jkollhom ir-riżorsi u l-istrutturi approprjati sabiex jippermettu l-koperazzjoni effettiva u l-investigazzjoni effettiva tagħhom u, kif approprjat, il-prosekuzzjoni tal-ġenoċidju, tad-delitti kontra l-umanità u tad-delitti tal-gwerra.*[76]

[76] Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra, 2003/335/ĠAI, Ġurnal Uffiċjali 118/12, 14 ta' Mejju 2003.

L-unitajiet speċjalizzati jinkludu uffiċjali mħarrġa fil-qasam tal-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tad-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità, id-delitti tal-gwerra, id-delitt tat-tortura u l-għajbien sfurzat.[77] Approċċ multidixxiplinarju jinvolvi wkoll esperti minn oqsma oħra, bħal studjużi tal-istorja, soċjoloġi, diplomatiċi, antropoloġi, speċjalisti f'investigazzjonijiet finanzjarji u l-irkupru tal-assi, kif ukoll speċjalisti fi kwistjonijiet militari. Huma għandhom l-għarfien speċjalizzat tad-dritt internazzjonali u nazzjonali u jistgħu jittrattaw l-isfidi speċifiċi fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji. Ir-riżultati li nkisbu fl-Istati Membri permezz tal-unitajiet speċjalizzati huma prova li l-kooperazzjoni strutturata u l-ħolqien ta' unitajiet dedikati li ma jkollhom l-ebda kompitu addizzjonali ieħor jiffaċilitaw ħafna l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' persuni li allegatament wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji u li jkunu jinstabu fit-territorju tal-UE.[78] Il-ħolqien ta' strutturi speċjalizzati jippermetti wkoll il-kisba gradwali ta' esperjenza kif ukoll li dak l-għarfien, l-aħjar prassi u t-tagħlimiet miksuba jinżammu fi ħdan l-istess unità. Anke meta l-Istati Membri normalment ma jesperjenzawx flussi kbar ta' persuni li ġejjin minn żoni ta' konflitt jew s'issa ma esperjenzawx każijiet ta' dan it-tip ta' kriminalità, għandha tiġi stabbilita speċjalizzazzjoni ta' prosekuturi għal delitti internazzjonali l-aktar serji.

**Passi rrakkomandati**: Għandhom jittieħdu għadd ta' passi konkreti fil-livell nazzjonali, u sa ċertu punt fil-livell tal-UE, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu, jew ikomplu jiżviluppaw l-unitajiet speċjalizzati:

***(a)*** L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu unitajiet speċjalizzati u/jew jiżguraw l-ispeċjalizzazzjoni tal-persunal fil-livelli kollha

77 L-unitajiet speċjalizzati spiss ikollhom kompetenza b'rabta mat-tortura u l-għajbien sfurzat, peress li dawn id-delitti jistgħu jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra, iżda jistgħu wkoll jiġu pproċessati bħala delitti internazzjonali distinti. Fil-każ tal-aħħar, il-prosekuzzjoni għandha opportunità akbar ta' eżitu ta' suċċess.

78 Bejn l-aħħar tas-snin disgħin u l-2010, 18-il kundanna marbutin ma' delitti internazzjonali minn total ta' 24 kienu jinvolvu investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet imwettqa minn unitajiet speċjalizzati; ara REDRESS and FIDH, *The Practice of Specialised War Crimes Units*, p. 18. Fi Franza, unità ġdida ta' pulizija u prosekuturi, li ġiet stabbilita f'Jannar 2012, għamlet progress sinifikanti biex tindirizza każijiet pendenti marbutin mad-delitti internazzjonali l-aktar serji, li uħud minnhom kienu ilhom pendenti 20 sena. Fl-ewwel sentejn tagħha, hija kisbet kundanna, ikkompletat investigazzjoni dwar żewġ persuni suspettati li huma mistennija jitressqu l-qorti fl-2015, u nediet għaxar investigazzjonijiet ġodda. Ara l-artikoli ta' Delphine Carlens u Nicolas le Coz f'REDRESS*, EU Update on International Crimes*, Lulju 2013, http://www.redress.org/downloads/publications/2013-June-Legal-update.pdf u Lulju 2014, http://www.redress.org/downloads/1407euupdate.pdf.

- ❖ Unitajiet dedikati fil-livelli kollha (l-infurzar tal-liġi, il-prosekuzzjoni u servizzi oħra bħall-immigrazzjoni, l-awtoritajiet tal-MLA u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin) huma ta' benefiċċju biex jiġu żgurati l-ispeċjalizzazzjoni, il-kompetenza esperta, il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri li s'issa għad m'għandhomx unitajiet speċjalizzati jistgħu jieħdu l-ispirazzjoni u l-gwida minn Stati Membri oħra li fihom ikunu diġà ġew stabbiliti unitajiet bħal dawn. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-unitajiet ikunu forniti bir-riżorsi u l-persunal b'mod adegwat, u li l-persunal jirċievi taħriġ regolari u adegwat.

***(b)*** L-istabbiliment ta' task force nazzjonali dwar l-impunità biex jiġu żgurati l-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni ta' unitajiet speċjalizzati

- ❖ L-Istati Membri jistgħu jiżguraw kollaborazzjoni effettiva u sinifikanti bejn l-unitajiet speċjalizzati fi ħdan is-servizzi tal-immigrazzjoni, tal-pulizija u tal-prosekuzzjoni permezz tal-istabbiliment ta' task force nazzjonali dwar l-impunità.
- ❖ Barra minn hekk, l-istabbiliment u l-funzjonament tal-unitajiet speċjalizzati jistgħu jiġu inklużi fi strateġija nazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti internazzjonali l-aktar serji.

***(c)*** In-Netwerk għandu jassisti lill-Istati Membri fl-istabbiliment u l-promozzjoni ta' unitajiet speċjalizzati

- ❖ In-Netwerk għandu jassisti lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' unitajiet bħal dawn, waqt li jipprovdi informazzjoni dwar l-eżistenza u t-tħaddim ta' unitajiet speċjalizzati bnadi oħra, u jiffaċilita kooperazzjoni rilevanti fl-istabbiliment ta' unitajiet speċjalizzati.

### Miżura 2: Evitar ta' immunità mill-prosekuzzjoni permezz ta' titjib fl-identifikazzjoni ta' każijiet u informazzjoni rilevanti għall-każijiet

**Kuntest:** L-esperjenza tal-awtoritajiet nazzjonali fin-Netwerk uriet l-importanza tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni lis-servizzi tal-investigazzjoni/prosekuzzjoni. L-awtoritajiet tal-immigrazzjoni jirrappreżentaw wieħed mill-punti ta' dħul tal-UE u għandhom rwol kruċjali fl-identifikazzjoni inizjali u s-sejbien tal-persuni suspettati li qed jidħlu jew li huma preżenti fit-territorju tal-UE. Bl-istess mod, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex jiksbu informazzjoni dwar ix-xhieda u l-vittmi tad-delitti internazzjonali l-aktar serji. Il-possibbiltà prattika u/jew legali li l-awtoritajiet tal-ġustizzja kriminali jkollhom aċċess għal fajls u informazzjoni speċifiċi mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' persuni li allegatament wettqu delitti, vittmi u xhieda potenzjali ssaħħaħ ħafna l-effikaċja u l-effiċjenza tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni.

**Passi rrakkomandati**: Jistgħu jittieħdu għadd ta' passi konkreti fil-livell nazzjonali, u sa ċertu punt fil-livell tal-UE, biex jintuża l-potenzjal tal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni sabiex jingħata kontribut għall-ġlieda kontra l-impunità permezz tal-identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali u informazzjoni rilevanti għall-każijiet:

*(a)* L-awtoritajiet tal-immigrazzjoni għandhom jirċievu taħriġ adegwat

- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni jkunu mħarrġa b'mod adegwat u jkunu familjari mal-kumplessitajiet ġenerali tal-fatt u ġuridiċi b'rabta mad-delitti internazzjonali l-aktar serji fir-rigward ta' każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 1F, kif ukoll jipprovdu fehim tal-fatturi li huma rilevanti f'qasam ta' konflitt partikolari.
- L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) jinsab f'pożizzjoni ideali biex jipprovdi dan it-tip ta' appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet lill-awtoritajiet nazzjonali f'kollaborazzjoni man-Netwerk u l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni b'esperjenza fil-materja. L-EASO għandu jiżgura li l-moduli rilevanti jiġu inklużi fil-materjal u l-attivitajiet ta' taħriġ tiegħu.[79]

*(b)*Għandu jitjieb l-aċċess tal-awtoritajiet tal-ġustizzja kriminali għad-data tal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni

- L-uffiċjali tal-immigrazzjoni għandhom ikunu meħtieġa jindikaw raġunijiet speċifiċi għaċ-ċaħda ta' talbiet għall-asil, kif ukoll jipprovdu raġunijiet legali għal dan. Ir-raġunijiet ipprovduti jżidu l-possibbiltà li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi rilevanti jidentifikaw persuni suspettati jew xhieda. Jekk dan jiġi applikat b'mod konsistenti, huwa ser jippermetti li l-awtoritajiet iqabblu rabtiet potenzjali bejn persuni suspettati u xhieda, soġġett għal mezzi tekniċi fil-livell nazzjonali u l-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data.
- L-awtoritajiet tal-immigrazzjoni għandhom jiżguraw li jista' jsir tiftix fl-informazzjoni rilevanti skont kriterji speċifiċi sabiex jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' informazzjoni dwar id-delitti internazzjonali l-aktar serji. Dawn għandhom jinkludu d-data tad-dħul, il-post eżatt tal-oriġini, il-professjoni tal-individwu (inkluż, pereżempju, il-funzjoni jew il-livell fl-armata, jew l-isem tal-awtorità li għaliha l-individwu kien jaħdem) u ż-żona ta' konflitt li minn fejn tkun ġejja l-persuna.

[79] *Ara* s-sit tal-internet tal-EASO, 'What we do' fuq http://easo.europa.eu/about-us/tasks-of-easo/training-quality/.

*(c)* L-Istati Membri għandhom jadottaw approċċ integrat bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u dawk tal-infurzar tal-liġi[80]

❖ L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu 'approċċ aktar integrat' bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, il-pulizija u l-prosekuzzjoni peress li approċċ bħal dan itejjeb il-pożizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-impunità. Tali approċċ għandu jobbliga lill-uffiċjali tal-immigrazzjoni biex jinformaw lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi meta jiffaċċjaw każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 1F.[81] Il-punti ta' kuntatt tan-Netwerk indikaw li jinħtieġ obbligu speċifiku li jsir skambju ta' informazzjoni dwar persuni suspettati possibbli biex jiġi żgurat fluss awtomatiku ta' informazzjoni.[82] Barra minn hekk, approċċ bħal dan jista' jipprevedi wkoll il-fluss ta' informazzjoni dwar vittmi u xhieda potenzjali tad-delitti internazzjonali l-aktar serji, soġġett għall-kunsens tal-individwu kkonċernat.**[83]**

---

[80] Fil-konklużjonijiet tat-13-il laqgħa tan-Netwerk (7-8 ta' Novembru 2012), u abbażi tal-kwestjonarju ''Aċċess għall-fajls u d-data dwar l-immigrazzjoni mis-servizzi tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni'' [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-parteċipanti nnotaw li ma jeżisti l-ebda approċċ komuni bejn l-Istati Membri rigward id-dmir li l-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 1F jiġu rrappurtati lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni. Il-konklużjonijiet komplew jenfasizzaw il-fatt li uħud mill-Istati Membri jieħdu approċċ b'saħħtu u integrat li jiżgura li każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 1F jiġu rrappurtati, li n-Netwerk jikkunsidra bħala prattika rrakkomandata li għandha tiġi segwita biex tiġi żgurata kollaborazzjoni mill-qrib u identifikazzjoni aħjar tal-persuni li jwettqu delitti, ix-xhieda u l-vittmi tad-delitti internazzjonali l-aktar serji.

[81] Il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja u l-Isvezja huma l-uniċi Stati Membri li adottaw leġislazzjoni li tobbliga speċifikament lill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni biex jirrapportaw l-eżistenza ta' każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 1F. Tali prattika teżisti fil-Belġju u fl-Estonja. Barra minn hekk, fin-Norveġja, il-Kanada u l-Isvizzera, li huma Stati osservaturi tan-Netwerk ġew stabbiliti obbligi ta' rappurtar ta' dan it-tip.

[82] *Pereżempju*, fil-Pajjiżi l-Baxxi, l-unità 1F speċjalizzata fi ħdan l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni tittrasferixxi awtomatikament il-fajl li jinvolvi każ li jaqa' taħt l-Artikolu 1F lill-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni. Wara eżami tal-fajl, l-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni jieħu d-deċiżjoni dwar jekk għandux iressaq il-każ lill-unità speċjalizzata fi ħdan il-Pulizija Olandiża għall-investigazzjoni. Fil-Kanada teżisti struttura formali li fiha d-dipartimenti li jipparteċipaw fil-programm nazzjonali għad-delitti tal-gwerra (l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, il-pulizija u d-Dipartiment tal-Ġustizzja) jiltaqgħu fuq bażi regolari biex jivvalutaw l-allegazzjonijiet ġodda kollha riċevuti fi kwalunkwe dipartiment u biex jiddeterminaw, permezz tal-użu ta' kriterji stabbiliti, liema dipartiment għandu jkollu l-kustodja tal-fajl. Tipikament, il-fajls bl-aktar allegazzjonijiet serji jiġu assenjati lid-dipartimenti tal-pulizija għall-investigazzjoni, waqt li allegazzjonijiet inqas serji jiġu ttrasferiti lid-dipartimenti tal-immigrazzjoni. Il-prassi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u s-servizzi tal-infurzar tal-liġi/prosekuzzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi u fil-Kanada, kif ukoll fil-Belġju u fin-Norveġja, huma prova li l-kooperazzjoni strutturata tiffaċilita l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni konsegwenti ta' persuni li allegatament wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji, li jkunu preżenti fit-territorju tal-UE.

[83] *Pereżempju,* id-dipartiment tal-immigrazzjoni Ġermaniż jitlob lil dawk li jfittxu l-asil li jkunu ġejjin mis-Sirja biex jimlew formola li ssaqsi jekk huma kinux xhieda ta' xi delitt tal-gwerra, u, jekk iva, biex jipprovdu d-dettalji. *Ara* Human Rights Watch, 'The Long Arm of Justice: Lessons from specialised war crimes units in France, Germany and the Netherlands', September 2014, p. 10, http://www.hrw.org/sites/default/files/reports/IJ0914_ForUpload.pdf. Id-Danimarka ppromulgat leġislazzjoni fl-2008 biex tippermetti li l-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni jkollhom aċċess għall-fajls tal-

*(d)* Responsabbiltà u involviment ta' persuni ġuridiċi fid-delitti internazzjonali l-aktar serji

- Persuni ġuridiċi jistgħu jkunu involuti fid-delitti internazzjonali l-aktar serji billi jappoġġaw, jgħinu, jiffinanzjaw, jinkoraġġixxu permezz ta' kompliċità jew jagħmlu profitt minn dawn id-delitti.[84] Sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi u biex tintemm id-disparità b'rabta mal-impunità f'dan il-qasam, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jaffrontaw l-identifikazzjoni ta' każijiet u ta' investigazzjonijiet possibbli mill-perspettiva tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-isfruttament illegali ta' riżorsi naturali li jammonta għar-reat ta' sakkeġġ taħt id-delitti tal-gwerra, jew jiżguraw prosekuzzjoni kumulattiva għal kriminalità alternattiva, bħall-ħasil tal-flus u l-ksur tar-regoli dwar l-embargo. Dan l-approċċ huwa partikolarment pertinenti għall-ħames Stati Membri li ma jipprevedux ir-responsabbiltà kriminali ta' persuni ġuridiċi fil-liġi domestika tagħhom.[85]

*(e)* L-Istati Membri għandhom iqabblu l-avviżi ta' persuni mfittxija internazzjonalment mar-reġistri tal-popolazzjoni nazzjonali

- L-awtoritajiet nazzjonali ġeneralment jiċċekkjaw l-avviżi internazzjonali tal-persuni mfittxija, bħall-INTERPOL Red Notice, meta xi barranin jippruvaw jidħlu fit-territorju tagħhom. B'żieda ma' dan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali jiċċekkjaw regolarment l-INTERPOL Red Notices mar-reġistri tal-popolazzjoni ta' persuni li diġà huma preżenti jew jirrisjedu fit-territorju ta' Stat Membru. Eżami perjodiku ta' avviżi eżistenti jew ta' mandati minn awtoritajiet nazzjonali jiżgura li l-UE ma tipprovdix immunità mill-prosekuzzjoni għal latitanti responsabbli għat-twettiq tad-delitti internazzjonali l-aktar serji.

## Miżura 3: Stabbiliment ta' sistema ta' kooperazzjoni effettiva

**Kuntest**: Pass meħtieġ biex tintemm id-disparità b'rabta mal-impunità fl-UE hi kooperazzjoni ffaċilitata fir-rigward tad-delitti internazzjonali l-aktar serji bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, l-infurzar tal-liġi, il-prosekuzzjoni, l-MLA, dawk finanzjarji u tal-intelligence ta' Stat Membru, kif

immigrazzjoni li jikkonċernaw gruppi ta' persuni li waslu minn żoni ta' konflitt sabiex tidentifika persuni suspettati possibbli, jew għall-użu f'investigazzjonijiet li għaddejjin biex jiġu identifikati vittmi u xhieda tad-delitti internazzjonali l-aktar serji.

84 Forom ta' involviment ta' korporazzjonijiet u persuni tan-negozju fit-twettiq tad-delitti internazzjonali l-aktar serji jistgħu ġeneralment jidhru mill-isfruttament illegali ta' riżorsi naturali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li fihom id-dħul jintuża biex jinxtraw armi li konsegwentement iwasslu għal ksur kbir tad-drittijiet tal-bniedem jew id-delitti internazzjonali l-aktar serji. Modalità oħra hi permezz tal-bejgħ jew il-kiri ta' tagħmir jew prodotti speċifiċi (bħal prekursuri kimiċi jew għodod ta' sorveljanza) lil reġimi dittatorjali jew gruppi militari li jużaw l-oġġetti biex iwettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji. *Ara* 'Criminal responsibility of corporations and business persons for serious international crimes', dokument ta' riferiment għall-15-il Laqgħa tan-Netwerk (29-30 ta' Ottubru 2013), Segretarjat tan-Netwerk kontra l-Ġenoċidju.

85 Il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Latvja u l-Isvezja.

ukoll il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili. Huma essenzjali approċċ multidixxiplinarju u kooperazzjoni bejn l-unitajiet responsabbli għat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, il-kriminalità finanzjarja, il-ksur tal-embargo, il-ħasil tal-flus, il-kummerċ illegali ta' djamanti u riżorsi naturali oħra, it-traffikar tal-annimali selvaġġi, eċċ, u d-delitti internazzjonali l-aktar serji, peress li l-persuni involuti f'attivitajiet kriminali huma ġeneralisti, mhux speċjalisti, u għalhekk l-attivitajiet illegali li jiġġeneraw profitt għandhom jingħataw attenzjoni partikolari. Barra minn hekk, il-konsultazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi fuq livell nazzjonali jew fin-Netwerk javvanzaw dan l-objettiv permezz ta' skambju ta' informazzjoni, ta' għarfien, ta' ħiliet u ta' kompetenza esperta.

**Passi rrakkomandati**: Għandhom jittieħdu għadd ta' passi konkreti mill-Istati Membri, l-UE u l-Punti ta' Kuntatt tan-Netwerk sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva fil-livell nazzjonali:

***(a)*** Approċċ multidixxiplinarju, investigazzjonijiet finanzjarji, irkupru tal-assi u ksur ta' sanzjonijiet internazzjonali b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-impunità

- ❖ L-investigazzjonijiet marbutin mad-delitti internazzjonali l-aktar serji għandhom ikunu kkomplementati minn investigazzjonijiet finanzjarji u l-irkupru tal-assi. L-importanza tal-investigazzjonijiet finanzjarji u l-irkupru tal-assi għandhom jitqiesu bħala li jipprovdu kumpens għall-vittmi, forom addizzjonali ta' provi, it-tfixkil ta' intrapriżi kriminali u l-aġir ta' deterrent.
- ❖ Il-kooperazzjoni fost l-unitajiet li jittrattaw il-kriminalità organizzata, il-kummerċ illegali ta' riżorsi naturali, is-superviżjoni ta' restrizzjonijiet finanzjarji, il-ksur ta' sanzjonijiet internazzjonali, u l-projbizzjonijiet fuq il-kummerċ jew l-ivvjaġġar tista' tippermetti li l-awtoritajiet nazzjonali jiksbu informazzjoni u dan konsegwentement jirriżulta fi proċess għal reat inqas serju li fih l-evidenza li tkun disponibbli għall-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni ma tkunx biżżejjed biex tappoġġa kundanna għall-involviment fid-delitti internazzjonali l-aktar serji, iżda jindika b'mod ċar it-twettiq ta' reati oħra marbutin mad-delitti internazzjonali l-aktar serji (pereżempju t-trattament ta' rikavati minn attività kriminali jew il-ħasil tal-flus).
- ❖ Il-partijiet ikkonċernati kollha għandhom jirċievu taħriġ adatt fir-rikonoxximent tal-importanza tal-inklużjoni ta' investigazzjonijiet kriminali bħala parti mill-investigazzjonijiet kriminali. Jistgħu jintużaw l-għodod eżistenti bħan-Network tal-Interaġenziji Camden għall-Irkupru tal-Assi (CARIN).

***(b)*** Skambju ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni ta' diversi Stati Membri

- ❖ L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-iskambju ta' għarfien, l-aħjar prassi u l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni fl-Ewropa kollha għall-investigazzjoni ta' persuni suspettati bid-delitti internazzjonali l-aktar serji.

- Għandha tiġi stabbilita struttura ta' netwerk tal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni responsabbli għal każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 1F simili għan-Netwerk kontra l-Ġenoċidju sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sinerġiji u kooperazzjoni, u tiżgura approċċ armonizzat fl-indirizzar ta' persuni suspettati, vittmi u xhieda tad-delitti internazzjonali l-aktar serji.[86]

*(c)* Il-ħatra ta' Punti ta' Kuntatt multipli tan-Netwerk b'esperjenza u kompetenza esperta

- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punti ta' Kuntatt maħturin għan-Netwerk kontra l-Ġenoċidju jkollhom l-esperjenza adegwata, jinħatru għal perijodu ta' żmien sostanzjali, u li jattendu b'mod konsistenti għal-laqgħat tan-Netwerk.
- Barra minn hekk, il-ħatra ta' Punti ta' Kuntatt multipli, inklużi rappreżentanti kemm tal-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni kif ukoll dawk tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll awtoritajiet tal-MLA, isservi ulterjorment biex jiżdied l-iskambju ta' kompetenza esperta, esperjenza, kwistjonijiet pendenti u informazzjoni rilevanti.

*(d)* Punti ta' Kuntatt biex jinbena kuntatt mas-sħab tagħhom fil-livell nazzjonali

- Il-Punti ta' Kuntatt tan-Netwerk jistgħu jżidu l-għarfien u s-sensittività dwar in-Netwerk kontra l-Ġenoċidju u l-attivitajiet tiegħu billi jikkondividu l-informazzjoni dwar suġġetti diskussi min-Netwerk ma' membri oħra tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi, tal-prosekussjoni u tal-immigrazzjoni fil-livell nazzjonali.
- Barra minn hekk, il-Punti ta' Kuntatt tan-Netwerk jinsabu f'pożizzjoni biex jiġbru l-informazzjoni minn dawn is-servizzi u jgħaddu l-informazzjoni lura lin-Netwerk, pereżempju dwar żviluppi legali reċenti, oqsma ta' tħassib u sfidi operazzjonali.
- Il-Punti ta' Kuntatt tan-Netwerk għandhom jikkoordinaw mal-uffiċjali tal-Ministeru li jirrappreżentaw l-Istati Membri tagħhom f'korpi oħra tal-UE, b'mod partikolari il-Grupp ta' Ħidma dwar Affarijiet Ġenerali u Evalwazzjonijiet (GENVAL), il-Kumitat ta' koordinazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjara f'materji kriminali (CATS), u l-qasam sekondarju tal-Qorti Kriminali Internazzjonali tal-grupp ta' ħidma dwar id-dritt internazzjonali pubbliku (COJUR-ICC), b'hekk jiġi ffaċilitat approċċ konsistenti u koerenti għall-ġlieda kontra l-impunità fuq livell nazzjonali u reġjonali, kemm fil-politika interna kif ukoll f'dik esterna.
- Il-Punti ta' Kuntatt tan-Netwerk għandhom jiżguraw ukoll skambju ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni mal-punti fokali nazzjonali tal-QKI, li spiss huma assoċjati mal-Ministeri tal-Affarijiet Barranin aktar milli mal-uffiċċji tal-pulizija jew tal-prosekuzzjoni u l-Ministeri tal-Ġustizzja.

[86] Netwerk bħal dan diġà jeżisti bejn ir-Renju Unit, l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada, l-Awstralja u New Zealand.

*(e)* L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu u jippromwovu task force nazzjonali dwar l-impunità

- L-Istati Membri jistgħu jrawmu l-kooperazzjoni ta' hawn fuq fil-livell nazzjonali permezz tal-formazzjoni ta' task forces nazzjonali responsabbli għall-ġlieda kontra l-impunità. Laqgħat regolari tat-task forces nazzjonali jiffaċilitaw il-komunikazzjoni minn żewġ naħat bejn il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali u l-kontropartijiet tagħhom f'istituzzjonijiet ta' Stati Membri oħra.

*(f)* L-istabbiliment ta' 'bordijiet ta' involviment tal-komunità' fl-Istati Membri

- L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jikkunsidraw l-istabbiliment ta' 'bordijiet ta' involviment tal-komunità' fil-livell nazzjonali biex jiżguraw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Dawn il-bordijiet jiffaċilitaw l-iskambju miftuħ ta' informazzjoni u diskussjoni miftuħa ta' kwistjonijiet ta' kooperazzjoni, jippermettu kuntatt eqreb bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-NGOs li jaħdmu mal-vittmi u x-xhieda u jippermettu l-esplorazzjoni ta' rimedji kif ukoll għal komunikazzjoni mal-komunitajiet dwar attivitajiet u riżultati.

*(g)* L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-użu ta' SIK

- L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-użu ta' SIK għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji. Is-SIK joffru valur miżjud sinifikanti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri, fid-dawl tal-appoġġ tal-Eurojust, l-Europol u l-finanzjament mill-UE. Is-SIK jistgħu jgħinu biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ħidma u tal-ispejjeż; jiġu ffrankati riżorsi personali u finanzjarji; tiġi pprovduta bażi legali għal skambju rapidu u flessibbli ta' informazzjoni; u jiġi limitat in-numru ta' drabi li xhieda u vittmi jkollhom jissejħu biex jixhdu.

*(h)* Il-ħtieġa ta' qafas globali ta' kooperazzjoni fost l-Istati

- Jeħtieġ qafas globali ta' kooperazzjoni bejn l-Istati biex jiġu solvuti l-isfidi li jirriżultaw min-nuqqas ta' mekkaniżmu għal kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati.
- L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw aktar l-inizjattiva proposta mill-Pajjiżi l-Baxxi, il-Belġju, is-Slovenja, l-Arġentina u s-Senegal, li tipprova ssolvi d-differenzi fil-kooperazzjoni f'materji kriminali. L-appoġġ għal din il-proposta għandu jiġi ppreżentat fil-*fora* reġjonali u globali kollha sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jiġu ffaċilitati fil-kooperazzjoni tagħhom ma' Stati terzi dwar l-MLA u l-estradizzjoni.

*(i)* Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-impunità fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE

- L-informazzjoni dwar ir-riżultati ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' dawk responsabbli għat-twettiq tad-delitti internazzjonali l-aktar serji għandha tiġi ppreżentati lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kif ukoll lill-pubbliku inġenerali. L-isforzi nazzjonali għandhom jiġu kkomplementati minn aġġornamenti pprovduti fil-livell Ewropew permezz tas-Segretarjat tan-Netwerk.[87]
- Tali rapporti perjodiċi dwar żviluppi reċenti lill-awtoritajiet involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fil-proċess leġislattiv jiżguraw li l-isfidi li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet rilevanti responsabbli mill-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' awturi allegati jiġu kkunsidrati bil-ħsieb ta' aktar emendi leġislattivi u amministrattivi, kif meħtieġ.

## Miżura 4: Titjib fil-leġislazzjoni relatata mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-MLA

**Kuntest:** Il-kapaċità tal-Istati Membri li jinvestigaw u jifttħu proċeduri b'rabta ma' delitti internazzjonali tiddependi fuq l-implimentazzjoni komprensiva fil-leġislazzjoni nazzjonali tal-obbligi skont it-trattat internazzjonali u d-dritt konswetudinarju li jipprojbixxu d-delitti internazzjonali l-aktar serji. L-eżistenza ta' tali leġislazzjoni hija bl-istess mod ta' importanza kbira għall-faċilitazzjoni tal-MLA.

**Passi rrakkomandati**: L-Istati Membri għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom għadd ta' passi biex jiġi żgurat li l-leġislazzjoni domestika tagħhom tkun f'konformità mal-obbligi tagħhom skont trattati internazzjonali u d-dritt internazzjonali konswetudinarju:

*(a)* L-iżgurar tal-eżistena ta' leġislazzjoni nazzjonali komprensiva u aġġornata dwar ir-'delitti internazzjonali l-aktar serji'

- Fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jemendaw il-leġislazzjoni eżistenti biex jiżguraw li l-leġislazzjoni domestika tagħhom tirrifletti l-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali konswetudinarju u l-liġi tat-trattat rigward id-delitti internazzjonali l-aktar serji.[88]
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġislazzjoni rispettiva tagħhom tipprevedi d-definizzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji f'konformità ma' standards internazzjonali u għal eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni extraterritorjali, inkluża universali, b'rabta ma' dawk id-delitti.

---

87 Fir-rigward tar-rappurtar perjodiku lill-Parlament Ewropew, *ara*l-Artikolu 3, Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/494/ĠAI.

88 *Ara hawn fuq:* Kapitolu Wieħed, Taqsima 1.2, 'L-obbligu tal-Istati li jinvestigaw u jifttħu proċeduri fil-qorti'.

- Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġislazzjoni domestika tipprevedi nozzjonijiet bħal kmand jew responsabbiltà superjuri u tinkludi r-regoli rilevanti dwar l-irrilevanza tal-argumenti tad-difiża bbażati fuq "l-ubbidjenza ta' ordnijiet superjuri" u dwar il-preskrizzjoni.

***(b)*** L-iżgurar li l-leġislazzjoni nazzjonali u l-prattika rigward immunitajiet internazzjonali ma tagħtix protezzjoni indebita lill-individwi

- L-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jissodisfaw ir-rwoli tagħhom biex jiżguraw li l-immunitajiet ma joffrux protezzjoni indebita lill-individwi milli jinżammu responsabbli b'mod kriminali għat-twettiq tad-delitti internazzjonali l-aktar serji.[89]
- L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw linji gwida nazzjonali f'konformità ma' standards internazzjonali biex jiċċaraw dan il-qasam tal-liġi applikabbli għall-Ministeri u l-awtoritajiet tal-ġustizzja kriminali rilevanti. [90]
- In-Netwerk jista' jassisti fit-tħejjija ta' kumpilazzjoni tal-aħjar prassi eżistenti u d-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' regoli dwar l-immunità internazzjonali. Tali linji gwida jistgħu jintużaw bħala referenza mill-awtoritajiet nazzjonali f'każijiet ta' inċertezza dwar l-istatus ta' uffiċjali barranin suspettati li wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji.

### Miżura 5: Bini tan-Netwerk bħala ċentru speċjalizzat u l-promozzjoni tiegħu f'*fora* tal-UE kif ukoll fuq livell globali

**Kuntest:** In-Netwerk għandu rwol importanti biex jiżgura l-impenn tal-UE fil-ġlieda kontra l-impunità fiż-żona interna tagħha. L-espansjoni tan-Netwerk u l-progress li jsir minnu fil-futur jiddependu fuq ir-riżorsi li jingħataw lis-Segretarjat tan-Netwerk. B'aktar appoġġ, is-Segretarjat tan-Netwerk ikun jista' javvanza l-ġlieda kontra l-impunità b'għadd ta' modi.

**Passi rrakkomandati:** Jistgħu jittieħdu diversi miżuri min-Netwerk innifsu, soġġett għal żieda fir-riżorsi, biex in-Netwerk jinbena bħala ċentru speċjalizzat u biex jiġi promoss f'*fora* tal-UE kif ukoll fuq livell globali:

***(a)*** Għandha tissaħħaħ il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati

[89] In-Netwerk iddiskuta l-kwistjoni tar-regoli internazzjonali relatati mal-immunità internazzjonali u l-prattiki nazzjonali f'dan ir-rigward fl-erbatax-il laqgħa, li saret fis-17 u t-18 ta' April 2013.

[90] Fil-Pajjiżi l-Baxxi, il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kwistjoni tad-Dritt Internazzjonali Pubbliku ngħata l-kompitu li jħejji rakkomandazzjonijiet dwar l-immunità ta' uffiċjali barranin fir-rigward tad-delitti internazzjonali l-aktar serji. Il-linji gwida ġew aċċettati mill-gvern Olandiż u għalhekk jistgħu jiġu applikati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha f'każ ta' inċertezza fir-rigward tal-istatut ta' uffiċjali jew rappreżentanti pubbliċi barranin. *Ara* http://www.cavv-advies.nl/Publications.

- Il-funzjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati fi ħdan in-Netwerk għandha tespandi, biex tippermetti żieda fl-iskambju ta' informazzjoni dwar, fost l-oħrajn, il-liġi nazzjonali u internazzjonali applikabbli, proċeduri rilevanti, għarfien ta' prosekuzzjonijiet u investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin f'dak il-perijodu, provi disponibbli jew xhieda rilevanti, biex b'hekk jiġu ffaċilitati l-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali biex dawk li allegatament iwettqu d-delitti jitressqu quddiem il-ġustizzja u biex in-Netwerk ikun jista' jiżviluppa punt fokali għall-ġlieda kontra l-impunità fl-UE.

***(b)***Għandhom jissaħħu r-rappurtar u l-kollaborazzjoni tan-Netwerk ma' istituzzjonijiet tal-UE u atturi rileventi oħra

- Is-Segretarjat tan-Netwerk għandu jħejji Rapport Annwali tal-Attività, li jiddeskrivi l-isforzi tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-impunità, li jista' jiġi ppreżentat lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE biex jinżammu infurmati dwar żviluppi rilevanti fl-UE.[91] Dan ir-rapport iżid l-għarfien dwar il-problemi li jiffaċċjaw l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u jservi ta' impetu biex jinqerdu d-differenzi eżistenti u jingħelbu n-nuqqasijiet leġislattivi.
- Is-Segretarjat tan-Netwerk għandu jipproduċi dokumenti esperti dwar diversi kwistjonijiet relatati ma' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet b'rabta mad-delitti internazzjonali l-aktar serji, li jidentifikaw il-kooperazzjoni u t-titjib tal-MLA, kif ukoll biex jirrappurtaw dwar żviluppi legali u prattiċi relatati mal-liġi tal-UE jew internazzjonali.[92]
- Għandha ssir espansjoni tal-kooperazzjoni tas-Segretarjat tan-Netwerk ma' atturi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali oħra. Komunikazzjoni u kooperazzjoni attivi ma' għadd ta' NGOs li qed jappoġġaw il-ġlieda kontra l-impunità, diskussjonijiet ma' organizzazzjonijiet reġjonali bħall-Unjoni Afrikana, rappreżentanti tal-QKI u tribunali *ad hoc*, rappreżentanti tal-Kumitat Internazzjonali tar-Red Cross u l-INTERPOL, fost oħrajn, jirriżultaw f'approċċ aktar komprensiv biex tintemm id-disparità b'rabta mal-impunità.

---

91 Artikolu 3, Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/494/ĠAI.

92 Aktar kummenti u rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp tan-Netwerk jinsabu fir-rapport tal-Human Rights Watch, 'The Long Arm of Justice: Lessons from specialised war crimes units in France, Germany and the Netherlands', Settembru 2014, pp. 86-90, fuq http://www.hrw.org/sites/default/files/reports/IJ0914_ForUpload.pdf.

### Miżura 6: Tiġdid tal-impenn tal-UE

**Kuntest:** Għalkemm l-UE wriet appoġġ sinifikanti għall-ġlieda kontra l-impunità, jibqa' l-għan tagħha li ġġedded l-impenn tagħha u tipprovdi aktar assistenza. L-impenn politiku tagħha f'din il-ġlieda mhuwiex rifless fil-Programm ta' wara Stokkolma. Ikun ta' benefiċċju kbir bil-għan ta' sensibilizzazzjoni li s-suġġett tal-impunità ta' dawk li jwettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji jerġa' jitqiegħed lura fuq l-aġenda, biex b'hekk tiżdied il-kapaċità għall-koordinazzjoni u jingħata appoġġ lill-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali.

**Passi rrakkomandati:** Jistgħu jittieħdu diversi miżuri mill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiżdied l-appoġġ għall-ġlieda kontra l-impunità:

- Il-Kummissjoni Ewropea għandha tassisti fil-ġlieda kontra l-impunità billi tevalwa formalment l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/494/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/ĠAI fl-Istati Membri, kif previst fil-Programm ta' Stokkolma. Din l-evalwazzjoni tista' tindika oqsma għal titjib u tista' tipprovdi gwida prezzjuża għan-Netwerk u s-Segretarjat tiegħu.
- Il-mandati tal-Eurojust u l-Europol għandhom jiġu estiżi biex jinkludu d-delitti internazzjonali l-aktar serji, biex b'hekk dawn l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jaħdmu man-Netwerk biex jinkiseb l-akbar appoġġ possibbli għall-awtoritajiet nazzjonali.[93]
- L-Unjoni Ewropea għandha tikkunsidra li tħejji, jew tipprovdi r-riżorsi għat-tħejjija ta', Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġlieda kontra l-Impunità fl-UE, li jkun għodda importanti biex jiġu mħeġġa l-kooperazzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar prassi fil-livell nazzjonali u f'dak reġjonali biex jissaħħu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tad-delitti internazzjonali l-aktar serji.
- Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew, f'kollaborazzjoni mal-Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, għandu jorganizza seduta annwali fil-Parlament Ewropew dwar 'Il-Ġlieda kontra l-Impunità fl-Unjoni Ewropea.'

[93] Fl-abbozz il-ġdid tar-Regolamenti dwar l-Eurojust u l-Europol qed tiġi proposta l-estensjoni tad-delitti li b'rabta magħhom jista' jkollhom kompetenza l-Eurojust u l-Europol fil-futur. Il-lista tinkludi wkoll id-delitt ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra. Soġġett għal negozjati u mal-adozzjoni tar-Regolamenti l-ġodda dwar l-Eurojust u l-Europol, il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-kompetenzi tagħhom jiġi estiż biex ikopri d-delitti internazzjonali l-aktar serji. B'konsegwenza ta' dan, in-Netwerk, l-Eurojust u l-Europol għandhom jassoċjaw il-mandati tagħhom u l-kompiti tagħhom sabiex jiksbu l-akbar appoġġ possibbli għall-professjonisti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji. It-tliet korpi għandhom ikunu jistgħu jaħdmu b'mod parallel fil-mandati rispettivi tagħhom sabiex javvanzaw bl-aħjar mod il-pożizzjoni tal-UE fil-ġlieda kontra l-impunità. Il-proposti huma disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2013:0173:FIN:MT:PDF u http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2013:0535:FIN:MT:PDF.

- Il-Kummissjoni Ewropea għandha tivvaluta possibbiltajiet addizzjonali ta' finanzjament biex jingħata appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali għall-istabbiliment ta' unitajiet speċjalizzati.
- L-UE għandha tiżgura possibbiltajiet ta' finanzjament għat-taħriġ u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, inklużi possibbiltajiet għal proġetti u programmi ta' taħriġ għas-servizzi tal-infurzar tal-liġi, prosekuturi, uffiċjali tal-MLA u mħallfin fin-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (ETJN) jew il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), b'attenzjoni fuq id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt kriminali internazzjonali.

### Miżura 7: Tisħiħ tal-kapaċitajiet u sensibilizzazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti

**Kuntest:** Bosta Stati Membri għadhom jesperjenzaw diffikultajiet minħabba n-nuqqas ta' esperti b'kompetenza esperta fid-delitti internazzjonali l-aktar serji. It-taħriġ speċjalizzat għal persuni li jaħdmu ma' dawk li jwettqu delitti jew vittmi tad-delitti internazzjonali l-aktar serji huwa essenzjali. L-ETJN, l-EASO u s-CEPOL huma eżempji ta' pjattaformi li jistgħu jintużaw biex jiġu ffaċilitati l-kondiviżjoni tal-għarfien u t-taħriġ għall-professjonisti fil-ġlieda kontra l-impunità fil-livell tal-Istati Membri.[94]

**Passi rrakkomandati:** Jistgħu jittieħdu diversi miżuri sabiex jiżdied it-taħriġ speċjalizzat fl-Istati Membri, li min-naħa tiegħu, għandu jgħin biex jitnaqqsu d-differenzi maħluqa mill-problemi attwali ta' nuqqas ta' taħriġ u ta' persunal speċjalizzat fl-Istati Membri.

*(a)* Jiġi żgurat taħriġ dwar kwisjontijiet marbutin mal-asil, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija

- Il-persunal li jaħdem fl-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawk li jiġu ssuspettati li wettqu d-delitti internazzjonali l-aktar serji jeħtieġ taħriġ speċjalizzat biex jinkiseb l-għarfien tal-kumplessitajiet tal-fatti u ġuridiċi tad-delitt, il-kuntest li fih ikun twettaq u d-diversi sorsi ta' liġi applikabbli.
- Il-ħolqien ta' istituzzjonijiet edukattivi jew programmi speċjalizzati b'attenzjoni fuq il-prosekuzzjoni tad-delitti internazzjonali l-aktar serji jgħin ukoll biex jitnaqqsu d-differenzi maħluqa mill-problemi attwali ta' nuqqas ta' taħriġ u ta' persunal speċjalizzat fl-Istati Membri. Jeħtieġ li jiġu żviluppati wkoll programmi ta' taħriġ apposta għall-avukati tad-difiża, ir-rappreżentanti legali tal-vittmi u l-imħallfin f'każijiet marbutin mad-delitti internazzjonali l-aktar serji.

---

[94] *Pereżempju,* l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil ipproduċa żewġ 'Rapporti dwar il-Pajjiż tal-Oriġini' fid-dettall dwar l-Afganistan: 'Insurgent strategies — intimidation and targeted violence against Afghans', Dec. 2012, http://easo.europa.eu/wp-content/uploads/192143_2012_5967_EASO_Afghanistan_II.pdf, u 'Taliban Strategies – Recruitment', July 2012, http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/asylum/european-asylum-support-office/bz3012564enc_complet_en.pdf.

***(b)*** Appoġġ minn kompetenza esperta speċjalizzata

- ❖ L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jikkunsidraw li jitlobu appoġġ minn organizzazzjonijiet li huma mħarrġa b'mod speċjali fl-investigazzjoni tar-reat tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, bħar-Rispons Rapidu tal-Ġustizzja (RRĠ).[95]

***(c)*** Jum Ewropew kontra l-impunità għad-delitti internazzjonali l-aktar serji

- ❖ Fil-livell tal-UE tista' tiġi stabbilita inizjattiva biex jiġi ddedikat avveniment speċjali għall-kommemorazzjoni tal-vittmi tad-delitti internazzjonali l-aktar serji u għal sensibilizzazzjoni u biex tiġi promossa l-ġlieda kontra l-impunità, simili għall-Jum ta' Tifkira fl-Ewropa kollha għall-vittmi tar-reġimi totalitarji u awtoritarji kollha, il-Jum Ewropew kontra t-Traffikar, u l-Jum Dinji għall-Ġustizzja Internazzjonali. Avveniment bħal dan iżid l-għarfien dwar il-problemi inerenti biex dawk responsabbli mit-twettiq tad-delitti internazzjonali l-aktar serji jitressqu quddiem il-ġustizzja.

### Miżura 8: Drittijiet, appoġġ u protezzjoni ta' vittmi u xhieda tad-delitti internazzjonali l-aktar serji

**Kuntest:** Il-vittmi u x-xhieda tad-delitti internazzjonali l-aktar serji jippreżentaw kwistjonijiet speċifiċi għall-awtoritajiet ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni. Tħassib marbut mas-sikurezza, ir-riskju ta' trawmatizzazzjoni, u l-ħtieġa ta' rappreżentazzjoni legali fi proċedimenti jfissru li l-awtoritajiet nazzjonali jeħtieġ li jagħtu importanza partikolari għall-involviment ta' vittmi u xhieda f'investigazzjonijiet u fi prosekuzzjonijiet.

**Passi rrakkomandati:** Minkejja l-isfidi involuti, għandhom jittieħdu għadd ta' miżuri mill-awtoritajiet nazzjonali biex jiġu indirizzati d-drittijiet u l-ħtiġijiet ta' vittmi u xhieda.

***(a)*** L-istrateġiji tal-prosekuzzjoni għandhom jinkludu strateġija għal komunikazzjoni adegwata għall-vittmi

- ❖ L-Istati Membri għandu jkollhom regoli ċari rigward l-outreach u l-komunikazzjoni għall-vittmi fir-rigward ta' proċessi u investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin f'dak il-mument. Tali sforzi għandhom jinkludu wkoll l-integrazzjoni tal-perspettivi tal-vittmi u d-drittijiet tagħhom fl-istrateġiji ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni.

***(b)*** L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jipprovdu informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittmi u l-arranġamenti ta' protezzjoni

---

[95] Ir-RRĠ huwa faċilità intergovernattiva li tibgħat b'mod rapidu professjonisti tal-ġustizzja kriminali minn roster ta' forzi ta' riżerva. Dawn l-esperti huma mħarrġa b'mod speċjali fl-investigazzjoni tad-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra u ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Għal aktar informazzjoni, żur is-sit http://www.justicerapidresponse.org/.

- Il-vittmi tad-delitti internazzjonali l-aktar serji għandhom jiġu infurmati b'mod suffiċjenti dwar jekk il-ġurisdizzjoni ta' Stat li qed jinvestiga jipprevedix il-parteċipazzjoni tal-vittmi fi proċedimenti bħal dawn. Bl-istess mod, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta skont arranġamenti disponibbli għall-protezzjoni tax-xhieda f'każijiet bħal dawn.
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li jiġi pprovdut livell adegwat ta' protezzjoni kontra theddid, trawmatizzazzjoni u rivittimizzazzjoni f'każijiet fejn vittma titressaq bħala parti għal proċedimenti bħal dawn, jew biex tixhed kontra l-persekuturi tagħha. Proċeduri bħal dawn għandhom jipprovdu livell bażiku ta' protezzjoni lill-vittmi mogħti permezz tad-Direttiva li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati.[96]

---

[96] Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU L 315.